23

Sena Marjana

L-Għid ta' 1988

L-Assunta

Tal-mewt kiefra n-niġġieża
Ma' l-Omm t'Alla xejn ma swiet
Mit-taħsir ġisimha nħeles,
Safa mqajjem mill-imwiet.



Xena waqt l-esekuzjoni ta' l-oratorio Mużikali Marjan 'L-Apoteosi ta' l-Assunta', kitba ta' Mons. Isqof N. Cauchi u mużika ta' Mro. Jos. Sammut li sar fil-Katidral fid-29 ta' Lulju 1988.

Il-Kliem tal-qoxra hu meħud mill-"Apoteosi ta' l-Assunta"; kitba poetika ta' Mons. Isqof N. Cauchi.

l-għid ta' l-assunta

Ħarġa ta' darba fis-sena
(Nru. 23 - 1988)

Editur:
Mons. Carmelo Scicluna
Arċipriet tal-Katidral



Pubblikazzjoni:
Ċentru Kateketiku, Katidral.
Stampat:
A & M Printing Ltd. Qala.

MESSAĠĠ
għall-Jiem il-Festa mill-Arċipriet

Jixraq li din is-Sena ninwadra l-messaġġ tiegħi ta' jiem il-festa fil-kuntest tat-tagħlim ta' l-Enċiklika **"Omm il-Feddej"** *li l-Papa Ġwanni Pawlu II ħareġ fl-okkażżjoni tas-Sena Marjana, meta din is-Sena Marjana sa tagħlaq eżattament fis-Solennità Liturġika ta' l-Assunta.*
F'din l-Enċiklika, il-Papa jgħallimna:

1. Fis-Santwarji Marjani, il-Verġni Marija tressaq l-insara lejn l-Ewkaristija (nru. 44)
Il-Verġni Marija mela tfakkarna li l-Knisja fil-jiem tal-festa ma hijix żona projbita. Iżda l-festa tirnexxi skond kemm ngħaddu ħin quddiem Ġesù Ewkaristija. Dan hu s-sigriet tas-suċċess tal-festa.

2. Marija hi Omm il-poplu nisrani kollu, hi Omm il-Knisja. (nru. 47)
Il-Madonna, bħal Omm kulħadd, trid twissina li meta fil-jiem tal-festa ntellgħu l-bnadar fuq il-bjut tagħna, dawn ikunu jfissru li aħna ħbieb ma' kulħadd u mhux li għadna miġġieldin ma' ta' ħdejna. Il-festa ma tiġix biex inħallu d-deni tal-piki u tal-parrokkjaliżmu jitla' għal rasna, imma biex nuru aktar sens ta' solidarjetà.

3. Tħares bil-fidi lejn Marija jfisser...taħdem biex tikber fil-qdusija. (nru. 47.)
L-Assunta trid tgħallimna li fil-jiem tal-festa, aħna spiritwalment ma nisfawx **'drop outs'** *fis-sens li għandna l-liċenzja li nsegwu l-loġika tax-xitan. Il-festa tiġi biex aktar nuru maturità nisranija.*

4. Marija tgħid lil kull individwu, dak li qalet f'Kana tal-Galilea: 'Agħmlu dak li jgħidilkom Hu' (nru. 46).
*U Ġesù, permezz ta' Ommu Marija, jinsisti magħna biex fil-jiem tal-festa ma ntappnux il-***'glasnost'** *tagħna ta' ulied adottivi t'Alla. Imma nissoktaw ngħidu: 'IVA' lit-tajjeb u 'LE' lill-ħażin. Ngħidu 'iva' għall-qrar, għat-tqarbin u għall-funzjonijiet tal-Knisja. U ngħidu 'le' għall-insulti, għall-botti, għad-dagħa u għall dak kollu li ma jagħmlilnix ġieħ bħala wlied Marija. Il-festa ma tiġix biex matulha xejn ma jkun ipprojbit ħlief il-kelma projbizzjoni.*
Is-Sena Marjana tintemm fil-15 t'Awissu, 1988. Iżda għalina jfisser li s-Sena Marjana tibda l-għada, fis-16 t'Awissu, billi kull jum li jgħaddi minn fuqna jkun ifisser pass 'il quddiem fit-triq tal-qdusija. Is-Sena Marjana ma ġietx biex inżommu rekord ta' l-attivitajiet li saru fil-parroċċa tagħna, imma ġiet biex nersqu dejjem eqreb lejn Alla li ħa ġisem bħal tagħna fil-ħdan tal-Verġni Marija.

www.gozocathedral.org.mt

Status Animarum bejn 1678 u 1794 B'dawl għall-Istorja tal-Matriċi—Kolleġġjata ta' l-Assunta

Alexander Bonnici O.F.M. Conv.
H.E.D., S.Th.L., Ph.B.

Fl-imgħoddi, sata' jkun hemm xi dubju dwar ir-rabta tal-Matriċi ta' l-Assunta (illum il-Katidral ta' Għawdex) fir-relazzjonijiet li kellha mal-kampanja Għawdxija. Illum, li bosta dokumenti ħarġu għad-dawl, il-fatti ċċaraw ħafna. Mingħajr ebda dell ta' dubju, nafu li l-ewwel sitt parroċċi tal-kampanja Għawdxija ħarġu kollha mill-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta. Illum, għandna f'idejna d-dokumenti essenzjali li juru l-erezzjoni tal-parroċċi tax-Xewkija, Għarb, Sannat, Xagħra, Nadur Żebbuġ.[1] Il-kontribut ċkejken li qed nippreżenta b'din il-kitba juri żewġ żmenijiet differenti. Sejjer jinġabar xi tagħrif minn **Status Animarum** tas-sena 1678: fi żmien meta, mill-Matriċi ħarġet il-parroċċa tax-Xewkija. Imbagħad, naqbżu mitt sena, u nagħtu ħarsa lejn is-snin 1782 u 1794. Naraw żmenijiet differenti meta mill-Matriċi kienu ħarġu l-parroċċi tal-kampanja; imma, taħt l-istess ragħaj tal-Matriċi, kien hemm il-parroċċa ta' San Ġorġ tar-Rabat.

IL-KASTELL FIS-SENA 1678

Il-popolazzjoni tal-kastell kienet ta' 244 ruħ.[2] Nafu li l-Kavalieri kienu jmexxu permezz ta' Gvernatur. Dan kien joqgħod fil-kastell. F'din is-sena 1678, il-Gvernatur kien **Don Ettore Pinto De Sosa**. Meta l-Gvernatur kien ikun nieqes, it-tmexxija tal-gżira kiener f'idejn **Don Bartolomeo De Villa Vincens.** Dan ukoll kien joqgħod fil-kastell. It-tnejn li huma kienu jiffurmaw bħal familja waħda, u kellhom lil ċertu Ċikku Attard, biex jaqdihom f'kull ma jkollhom bżonn.[3]

Dan it-tagħrif qed jinġabar minn **Status Animarum.** Imma, għalkemm il-matriċi ta' l-Assunta kienet għadha taħt it-tmexxija ta' l-Arċipriet Kan. Dun Ġann-Anton Camilleri, hu ma jidherx bħala dak li ġabar dan it-tagħrif tas-sena 1678. Nafu li l-ħajja tiegħu kienet qed toqrob lejn it-tmiem. Hu kellu jmut fit-28 ta' Lulju 1679. Jidher li, mhux biss ma kienx għadu

www.gozocathedral.org.mt

mgħobbi bil-piż tal-parroċċa, imma lanqas biss ma kien Għawdex. Isem l-Arċipriet tal-Matriċi ma jidhirx ma' dak tal-kanonċi l-oħrajn tal-Kolleġġjata. F'dik is.-sena 1678, il-Kanonċi tal-Kolleġġjata ta' l-Assunta kienu dawn il-ħdax: i) Dun Bartilmew Żarb, ii) Dun Mattew Dalli, iii) Dun Bernard Haxac, iv) Dun Ġorġ Paċi, v) Dun Ġwannbattista Apap, vi) Dun Ġużepp Cumbo, vii) Dun Ġann-Anton D'Avola, viii) Dun Vinċenz Micallef, ix) Dun Silvio Paċi, x) Dun Ġamri Vella (Koġitur), u xi) Dun Ġilju Muscat (Koġitur).[4]

F'dak l-istess żmien kien hemm 22 saċerdot fis-servizz tal-Kolleġġjata ta' l-Assunta. L-ismijiet tagħhom kienu dawn: i) Dun Mario Madiona (Ċerimonjier), ii) Dun Rumas D'Armenia (Organista), iii) Dun Tumas Bugeya (kappillan tal-kor), iv) Dun Alwiġ Cifaij (kappillan ieħor tal-kor, v) Dun Pietru Pawl Cifaij (kappillan ieħor tal-kor), vi) Dun Pawl Lauter (sagrista), vii) Dun Mattew Ċini (sagrista ieħor), viii) Dun Ġużepp D'Avola, ix) Dun Luqa Camilleri, x) Dun Dumink Bonnici, xi) Dun Ġann-Piet Dalli, xii) Dun Ġamri Ħaxisa, xiii) Dun Arkanġlu Haxac, xiv) Dun Ġwann Vella, xviii) Dun Pupull Cassar, xvi) Dun Melkjorr Camilleri, xx) Dun Girgor Camilleri (li kellu jkun it-tieni kappillan tax-Xewkija), xxi) Dun Pietru-Pawl Haġius, u xii) Dun Antonin Vella.[5]

F'dak iż-żmien, fil-Kolleġġjata ta' l-Assunta kien hemm djaknu wieħed biss. Dan kien **Dun Bernard Haber.** Ismu qiegħed imniżżel bħala Bernardin Chaber. Imma nafu li hu l-istess persuna. Hu isem li ssemma ħafna tul din is-sena. **Dun Bernard Haber** kellu jiġi magħżul bħala l-ewwel Kappillan tan-Nadur. Haber kellu jkun l-aqwa prova biex assolutament ma jista' jkollna l-ebda dubju dwar jekk l-Isqof Cocco Palmeri għamilx lin-Nadur bħala parroċċa, u mhux lill-Qala. Haber dejjem iddikjara bla tlaqliq li hu sar għan-Nadur, u mhux għall-Qala. Dan kien ġie mgħammed fil-Matriċi ta' l-Assunta fis-26 ta' Ottubru 1634.[6] Għalhekk, hu kien vokazzjoni tardiva għaliex, fis-sena 1678, diġa' kellu 44 sena. Fl-istess żmien, kien hemm ukoll żewġ suddjakni. Dawn kienu Grezz Żammut u Orazju Cuschieri.[7]

Daqqa t'għajn lejn xi persuni li kienu joqogħdu fil-kastell iġġibilna quddiem għajnejna drawwa taż-żmien. Insibu ħames persuni li jissejħu sorijiet. Tnejn tniżżlu bla kunjom: Sor Pawlika u Sor Marija. It-tlieta l-oħra kienu Sor Grazzja Portelli, Sor Domenica Dalli, u Sor Monica Chaber. Dawn ma kenux nisa li qed igħixu ta' sorijiet. L-isem ta' soru kien jingħata lil dawk il-persuni li jkunu spiritwalment marbutin ma' xi Istitut ta' ħajja kkonsgrata: bħalma kienu l-Agostinjani u l-Franġiskani Konventwali li, sa minn żmien, kellhom knisja u kunvent fir-Rabat t'Għawdex.[8]

IR-RABAT U L-KAMPANJA FIS-SENA 1678

Fis-sena 1678, meta l-parroċċi tal-kampanja kienu għadhom ma bdewx joħorġu, il-Matriċi ta' l-Assunta tidher maqsuma fi tnejn: a) il-Kastell u b) ir-Rabat. Imma ma nitqarrqux bil-kelma "Rabat". Mar-Rabat, inġabret il-kampanja Għawdxija li kienet tiddependi mill-Matriċi. Jekk wieħed igħodd il-gruppi kollha li jitqiesu bħala Rabat, naslu għat-total ta' 2834.[9] Għalhekk b'kollox, l-Arċipriet tal-Katidral kellu



Iċ-ċertifikat tal-mewt ta' l-ewwel Kappillan tan-Nadur, Dun Bernard Haber kif jinsab fl-oriġinal tar-reġistru ta' l-Arkivju Parrokkjali tal-Katidral.

www.gozocathedral.org.mt

jiddependu minnu 244 fil-kastell u 2834 fir-Rabat u l-kampanja. Flimkien jiġu 3078.

Kollox hu mqassam skond id-djar li fihom innies. Għalhekk, jekk qraba jgħixu flimkien, jitqiegħdu f'lista waħda. Dwar il-parroċċa tal-Matriċi f'dan iż-żmien, nagħmlu ftit riflessjonijiet ta' natura storika.

Minn numru ta' kitbiet li jeżistu nafu li xi **eremiti** ġie li għexu qrib is-Santwarju ta' Santa Marija tal-Qala. Aħna ma nafux l-ismijiet tagħhom ilkoll. Fis-sena 1678, kien hemm wieħed bl-isem ta' **Baskal**. Hu ssejjaħ "Paschale, monaco della Cala".[10]

Wieħed mill-personaġġi ta' ħajja qaddisa li rabat ismu ma' l-istorja tan-Nadur hu l-magħruf **Girgor Buttigieg.** Jidher li dan iżżewweġ iżjed minn darba. Fis-sena 1678, kienet għadha ħajja l-ewwel mara tiegħu. Il-familja ta' dan il-bniedem li miegħu ntrabtu tant leġġendi kienet iffurmata hekk: Girgor, martu Lorenza, żewġ uliedu subien Grezzju u Ġużeppi, u erba' wliedu bniet: Pawlika, Mergerita, Marija, u Barbara. Naturalment, hu mniżżel f'din il-lista għaliex, fis-sena 1678, kien jiddependi mill-parroċċa tal-Matriċi.[11]

Il-Matriċi ta' l-Assunta kellha wkoll dawk l-ulied spiritwali li ma kenitx kuntenta bihom. Jissemmew tliet koppji li kienu qed igħixu mifrudin. Kien hemm żewġ persuni oħrajn li ma kienx jistħoqqilhom li jitqarbnu fi żmien l-Għid; dawn kienu żewġ nisa li, waħda minnhom (Terzjana Micallef), kienet mogħtija għall-prostituzzjoni.[12]

WARA 100 SENA: STATUS ANIMARUM tal-1782

Għadda ż-żmien. Wara 100 sena, il-qagħda tal-knisja Għawdxija kienet tbiddlet sewwa. Il-kampanja kienet qed tieħu r-ruħ għaliex is-sitt parroċċi li kienu saru tawha ħajja ġdida. Imma l-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta, għalkemm kienu nqatgħu minnha dawk il-parroċċi, xorta waħda kienet għadha l-akbar parroċċa, jekk inħarsu lejn il-popolazzjoni.

Ma nsemmu xejn dwar il-kampanja. Imma nagħmlu xebh bejn il-Matriċi u San Ġorġ. Nafu tajjeb li dawn ma setgħux jinfirdu għal kollox minn xulxin. għalkemm it-tnejn kienu parroċċi, ir-ragħaj spiritwali kien l-istess wieħed. Fis-sena 1782, il-magħruf Dun Saver Cassar kien Arċipriet tal-Matriċi u Kappillan ta' San Ġorġ. Il-popolazzjoni tal-Matriċi kienet tiġbor fiha l-kastell, biċċa mir-Rabat, u dak li, fil-kampanja, ma kienx taħt xi parroċċa oħra.

Statistika ġenerali fis-6 ta' Marzu taż-żewġ parroċċi turi din:

MATRIĊI		**SAN ĠORĠ**	
Irġiel:	1555	*Irġiel:*	960
Nisa:	1588	*Nisa:*	954
Kleru:	22	*Kleru:*	75
Total:	*3165*[13]	*Reliġjużi:*	34
		Total:	2023[14]

STATUS ANIMARUM TAS-SNIN 1784 u 1785

L-Arċipriet Cassar kien jibgħat ta' sikwit relazzjonijiet dwar iż-żewġ parroċċi li kellu fdati f'idejh. Dawn mhux bilfors huma ta' min jorbot fuqhom għal kollox. Il-kappillani ġie li niżżlu anki 'l min kien iben il-parroċċa u ma kienx joqgħod fiha, tkun xi tkun ir-raġuni. Ġie li tniżżlu dawk biss li attwalment kienu hemm. Dan ifisser xi differenza bejn sena u oħra, li ma'l-ewwel daqqa t'għajn ma jitfissrux.

Dwar is-sena 1784, nagħmlu xebh ieħor bejn il-Matriċi u San Ġorġ.

MATRIĊI		**SAN ĠORĠ**	
Irġiel:	1448	*Irġiel:*	884
Nisa:	1576	*Nisa:*	975
Kleru:	35	*Saċerdoti:*	62
Total:	*3059*[15]	*Kjerċi:*	12
		Total:	1933[16]

Imbagħad, sena biss wara, jiġifieri fl-1785, insibu li dawk tal-Matriċi telgħu għal 3085, waqt li ta' San Ġorġ 1936.[17]

1794: IT-TAQSIM TAR-RABAT

Dun Saver Cassar kien għadu qed imexxi 'ż-żewġ parroċċi. Dwaru nixtieq nagħmel osservazzjoni.Hu qatt ma sejjaħ lilu nnifsu **Dun Franġisku-Saverju.** Imma, kif jidher mill-firma ma' **Status Animarum** tal-1794, ismu kien sempliċement "Xaverius". Hu ffirma "X. Cassar Arch."[18] Wara kollox, l-isem "Franġisk" ma jidhirx lanqas fir-reġistrazzjoni tal-Magħmudija tiegħu fil-parroċċa tan-Nadur.[19] Għalhekk, jaqbel li l-kelma "Franġisk" titneħħa mill-isem tat-triq li ssemmiet għal dan il-bniedem magħruf

www.gozocathedral.org.mt

L-Arċipriet F. Saverju Cassar

f'Għajnsielem, fejn hu twieled fid-29 ta' Diċembru 1746.[20]

Fis-sena 1794, l-Arċipriet Cassar ma qagħadx jagħmel faxxikli separati dwar iż-żewġ parroċċi li kellu f'idejh. Imma, fil-ġabra tiegħu, hu firid sewwa minn xulxin.

Il-Kastell, ir-Rabat, u l-Kampanja kienu għadhom ma jitqassmux f'toroq. Kull taqsima kienet tiegħu isimha minn xi knisja, minn xi post magħruf, jew minn xi persuna magħrufa. Fit-territorju tal-parroċċa tal-Matriċi, insibu: a) il-kastell, b) it-triq li mill-Vajringa tiegħu sat-Tomba. ċ) ix-xaqliba ta' fuq il-Lunzjata, d) il-Ġnien tal-Lunzjata, e) Kerċem kollu, f) il-kontrada mill-Isptar tan-Nisa sat-territorju msejjaħ "Ġnien is-Sultan", ġ) il-kontrada ta' Għajn Qatet, h) wara San Franġisk sal-fewdu Ta' Ħamet, ħ) Putirjal bid-dawra tiegħu kollha. Wara San Franġisk, jissemma li kien hemm il-**Konservatorju** bi 12-il persuna milqugħin fih. F'dan il-post, persuna waħda kienet ta' 46 sena, oħra ta' 25 sena, u l-oħrajn kollha bejn 12 u 19-il sena.[21]

L-Arċipriet Cassar daħħal id-deskrizzjoni tal-parroċċa ta' San Ġorġ ukoll.Hu wera li din il-porroċċa kellha magħha l-qalba tar-Rabat: it-triq tat-tiġrija, id-dawra ma' San Ġorġ, illum imsejjaħ "Tal-Ħaġar", u xaqlibiet oħrajn fl-inħawi tal-knisja parrokkjali li ħadu isimhom minn kien joqgħod fihom. Fost l-persuni magħrufin li taw isem lix-xaqliba kien hemm: l-Arċipriet Cassar innifsu, il-Kan. Dun Mario Gauci, Dun Ġużepp Attard, il-Baruni Gaucio, is-Sur Manwel Fenech, is-Sur Ġużeppi Gauci, u s-Sur Ġużeppi Diuardo.[22]

Din kienet il-qagħda taż-żewġ parroċċi tar-Rabat t'Għawdex, lejn tmiem it-tmexxija tal-Kavalieri ta' San Ġwann fil-Gżejjer tagħna. Ma kienx imbiegħed iż-żmien minn meta l-istess Arċipriet Cassar kellu jkun Gvernatur ta' Għawdex fi żmien ta' Gvern Proviżorju. L-istess Dun Saver seta' jkun l-ewwel Isqof ta' Għawdex, li kieku t-trattattivi dwar l-erezzjoni tad-djoċesi kellhom jirnexxu.[23]

Dokumentazzjoni

1. *Jiena ppubblikajt l-editt tal-parroċċi tax-Xewkija u ta' l-Għarb: ara* **Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta u l-Ewwel Parroċċi ta' Għawdex,** *1975, pp.114-117; sibt ukoll l-editt oriġinali għal ta' Sannat, Xagħra, Nadur, u Żebbuġ; ara: AAM,* **Reg. Coll. Benef.**, *ff.17. Sar użu minnu minn min ried jikteb tajjeb dwar ġrajjiet il-parroċċi.*
2. *AAM,* **St.A.,** *I, Matrice, f.4v. Ma nsibux total; imma ġew magħdudin il-persuni li tniżżel isimhom.*
3. **Ibid.**,*f.2r.*
4. **Ibid.**
5. **Ibid.**
6. *APCG,* **Bapt.**,*II,f.329; ara Alex. Bonnici,* **In-Nadur,** *v.I, p.111.*
7. *AAM,* **St. A.,** *I,Matrice, f.2r.*
8. **Ibid.**, *f.2v.*
9. **Ibid**,*m ff.4v-33r. Hawn ukoll, naslu għat-total billi ngħoddu l-ismijiet imniżżlin.*
10. **Ibid.**,*f.15r.*
11. **Ibid.**,*f.16r.*
12. **Ibid.**, *f.33r.*
13. *CEM,* **St.A.**, *17,n.5,f.58r.*
14. **Ibid.**, *n.6,f.37v.*
15. **Ibid.**,*17,f,54v.*
16. **Ibid.**, *n.14,f,47r.*
17. **Ibid.**,*18,n.15, f.33r; n.16,f.58r.*
18. *CEM,* **St.A.**, *27, Matrice 1794,f.77v.*
19. *APN,* **Bapt.**,*II,29/12/1746. Hu sejjaħ "Ġwanni-Saverju". Imma l-isem ta' Ġwanni ma ġiex użat minnu.*
20. *Alex. Bonnici,* **In-Nadur**, *v.I,p.205.*
21. *CEM,* **St.A.**,*27, Matrice 1794, ff.2r-40r.*
22. **Ibid.**, *S. Giorgio,ff.49r-71r.*
23. *Ara Alex. Bonnici, "It-Talba lir-Re Ferdinandu III ta' Sqallija biex Għawdex jinqata' fi djoċesi għalih",* **l-Għid ta' l-Assunta,** *n.12 (1977), pp.2-8.*

www.gozocathedral.org.mt

Il-Matriċi Kolleġġjata ta' L-Assunta 300 Sena Ilu

Kitba ta' DUN JOE BEZZINA

1688 - Sena ta' importanza kbira fl-istorja reliġjuża u soċjali tal-gżira ta' Għawdex. Hi ta' importanza reliġjuża għax dik is-sena, kif ċert li s'issa kulħadd jaf, twaqqfu hawn Għawdex erba' parroċċi ġodda. Hi ta' importanza soċjali għax bit-twaqqif ta' dawn il-parroċċi il-kommunitajiet li bil-mod il-mod kienu qed jinbtu fid-diversi nħawi ta' Għawdex ġew konfermati uffiċjalment bħala rħula.

Iċ-ċentru ta' din il-ġrajja kienet il-matriċi-Kolleġġjata ta' l-Assunta għax kien propju minnha li kienu mifruda dawn l-erba' reġjuni biex twaqqfu f'parroċċi.

Popolazzjoni u parroċċi (1551-1688)

L-istorja demokrafika u soċjali ta' Għawdex għadha ma nkitbitx. Madankollu minn tagħrif li għandna minn diversi nħawi li sal-1551, meta l-parti l-kbira tal-popolazzjoni Għawdxija kienet meħuda fil-jasar, kien hawn joqogħdu fil-gżira mal-5000 ruħ. Dawn kienu joqogħdu l-iktar fil-Kastell u fis-subborg tar-Rabat, iżda kien hemm nies imxerrda ma l-erba' nħawi tal-gżira.

Għawdex kellu allura erba' parroċċi, ilkoll tefgħa ta' ġebla 'l bogħod minn xulxin: il-Matriċi ta' Santa Marija fil-Kastell, San Ġorġ fil-qalba tar-Rabat, **San Ġakbu - parroċċa għan-nies tal-kampanja** fil-lvant tal-gżira, u Santa Marija ta' Savina, parroċċa għan-nies fil-punent tal-gżira. Il-fatt li n-nies ma kinux joqogħdu biss fl-inħawi tal-Kastell hu ppruvat ukoll min-numru kbir ta' kappelli li nafu li kienu mxerrda ma Għawdex kollu.

Ħafna minn dawn in-nies spiċċaw fil-jasar meta l-gżira ntrebħet mill-qawwiet Torok immexxija minn Sinan Paxa' u Dragut Rais f'Lulju 1551. Għal xi żmien, il-gżira ta' Għawdex kienet abbandunata minn kulħadd. Iżda qajl qajl stejqret mill-ġdid. Diversi Għawdxin li kienu ħarbu billi ddendlu mas-swar reġgħu lura; ftit minn dawk li waqgħu ilsiera, fosthom Dun Lawrenz de Apapis, il-kappillan ta' San Ġorġ, kienu mifdija; xi nisa Maltin iżżewġu rġiel Għawdxin, il-popolazzjoni reġgħet bdiet tiżdied.

Il-Matriċi bdiet tiffunzjona mill-ġdid bħala parroċċa f'Settembru 1554. Il-parroċċa ta' San Ġorġ aktarx li ma nfetħitx qabel xi għoxrin sena. U l-parrokkjalità tat-tnejn l-oħra kienet sopressa fl-1575. In-nies fil-bidu għammru biss fil-Kastell, mhux biss għall-kenn kontra l-għadu, iżda wkoll għaliex il-Granmastru kien amar permezz ta' bandu li ħadd ma kellu jgħaddi l-lejl barra mis-swar. Minħabba dawn iż-żewġ raġunijiet sa tmiem is-seklu sittax il-popolazzjoni li forsi kienet qed toqrob lejn l-elfejn, xejn ma xterdet mal-gżira.

www.gozocathedral.org.mt

Iżda iktar ma żdiedu n-nies iktar beda jinħass iċ-ċokon tal-Kastell u n-nies ma kinux imorru hemm f'xi toqba żgħira li kellhom għajr biex jorqdu. Bdew għalhekk jinbnew l-ewwel giren, u djar fil-kampanja qrib l-razzetti, u djar fil-kampanja qrib l-razzetti fejn kienu jaħdmu. U l-liġi ta' l-irqad 'il eghlieqi fejn kienu jaħdmu. U l-liġi ta' l-irqad 'il ġewwa mis-swar aktarx li ftit li xejn baqgħet infurzata. Prova li n-nies kienu bdew jinfirxu mal-gżira tagħtihielna l-Viżta Pastorali tal-1608: il-kappelli tal-kampanja li kien ilhom abbandunati mill-1551 bdew jissewew, jitranġaw u jinfetħu mill-ġdid. Minn Viżta għall-oħra tul is-seklu sbatax, wieħed jinnota li mal-mogħdija tas-snin il-kappelli komplew jissebħu.

Is-sitwazzjoni qabel l-1688

Nhar il-15 ta' April, 1637, il-Bandu ta' l-irqad 'il ġewwa mis-swar kien irtirat. Il-kommunitajiet tal-kampanja bdew jieħdu r-ruħ, għax in-nies abbandunaw it-toqob ta' kmamar li kellhom fil-Kastell għad-djar ikbar u isbaħ li kellhom ir-Rabat u fil-kampanja. L-iktar tliet inħawi li kienu qed jikbru b'pass imgħaġġel kienu x-Xewkija, ix-Xagħra u l-Għarb.

Iżda l-parroċċi baqgħu tnejn biss: il-Matriċi ta' Santa Marija u San Ġorġ. B'deċiżżjoni tal-Isqof Baldassar Cagliares fl-1623, il-Matriċi kellha tieħu ħsieb in-nies li joqogħdu fiċ-Ċittadella, fit-trufijiet tar-Rabat u fil-kampanja. San Ġorġ kellu taħt il-kura pastorali tiegħu in-nies li kienu joqogħdu fil-qalba tar-Rabat. Il-limiti taż-żewġ parroċċi huma mniżżla ċar fil-Viżta Pastorali tal-1623.

Tagħrif interessanti dwar il-popolazzjoni jinsab f'ċensiment dettaljat tal-1667 li kxift jien ftit xhur ilu u li tagħrif sħiħ dwaru ser jidher fi ktieb li dalwaqt ikun ippubblikat: **SANNAT FI ĠRAJJIET GĦAWDEX.** Minn dan iċ-ċensiment nafu li fl-1667, il-popolazzjoni tal-parroċċi kienet din:

Parroċċa Matriċi ta' Santa Marija - 2980 ruħ
Parroċċa ta' San Ġorġ - 1226 ruħ

In-numru ta' nies tal-parroċċa ta' San Ġorġ juri wkoll li fil-qalba tar-Rabat kienu joqogħdu 1226 ruħ. Mill-2980 tal-Matriċi, 361 biss kienu joqogħdu fil-kastell, numru żgħir kienu joqogħdu fit-trufijiet tar-Rabat, u il-maġġoranza kienu mxerrda fil-kampanja Għawdxija. 27 parruċċjan tal-Matriċi kienu mill-gżira ta' Kemmuna. Isqof wara ieħor beda jħoss il-bżonn li jwaqqaf fil-gżira iktar parroċċi.

Għalfejn iktar parroċċi

Tlieta kienu r-raġunijiet li n-nies tal-kampanja bdew isemmu biex jagħfsu fuq il-ħtieġa ta' iktar parroċċi: il-parroċċa tal-Matriċi kienet imferrxa iżżejjed; ħafna kienu joqogħdu 'l bogħod wisq minnha; u l-ħtiġijiet pastorali tagħhom ma kinux qed jiġu mwettqa.

Dwar l-ewwel raġuni ma kienx hemm l-iċken dubju. Għalkemm il-gżira ta' Għawdex ma tantx hi kbira, il-parroċċa tal-Matriċi kienet tinfirex mal-gżira kollha. Meta n-nies kienu jorqdu lkoll fiċ-Ċittadella kien kollox sew, iżda issa kien għadda ż-żmien ta' parroċċa b'estensjoni daqstant kbira.

It-tieni raġuni hi minnha wkoll. Uħud min-nies, bħal dawk fl-inħawi ta' Santa Katerina fuq ir-riħ tad-Dwejra, jew dawk fl-inħawi ta' Santa Marija tal-Qala, kellhom ġibda kbira għall-Knisja Parrokkjali. U meta wieħed iġib quddiem għajnejh it-toroq u t-trasport tliet mitt sena ilu jifhem li d-distanzi huma bil-wisq ikbar milli jidher. It-toroq ma kinux wisq aħjar mill-widien, kollha toqob u ħotob. It-trasport b'xi ħmara la -

Il-Kwadru Nkurunat tal-Kunċizzjoni tal-Qala

kien fiss, la kien komdu u lanqas kellu kulħadd. Kellhom raġun biex ibiegħu meta gergru li kienu 'l bogħod ħafna.

Il-ħtiġijiet pastorali ma setgħux ikunu

www.gozocathedral.org.mt

mwettqa. L-ewwelnett minħabba dawn ir-raġunijiet li għadna kemm semmejna. Imbagħad għax in-numru ta' qassisin dik il-ħabta kien żgħir ħafna u kważi kollha kienu joqogħdu r-Rabat. Fil-kappelli tal-kampanja, tneħħi xi eccezzjoni 'l hawn u 'l hemm, ma kinitx issir quddiesa għajr darba fis-sena, f'jum il-festa tat-titular, u għalhekk in-nies kellhom jieħdu battikata kbira biex imorru jisimgħu il-quddies fil-Ħdud u l-Btajjel. Battikata bħal din ix-xjuħ u ż-żgħar ma kinux jifilħu għaliha u kienu għalhekk jibqgħu bogħod mill-quddiesa u mis-sagramenti.

Nhar l-20 ta' Novembru, 1678. l-isqof Mikiel Molina beda viżta Pastorali f'Għawdex. Meta fela bir-reqqa is-sitwazzjoni pastorali tal-kampanja deherlu li jkun jixraq li jwaqqaf żewġ parroċċi oħra; waħda fil-lvant u l-oħra fil-punent tal-gżira. U għażel, bir-raġun, li jifred mill-Matriċi-Kolleġġjata ta' Għawdex l-iktar żewġ ħariet li kien fihom nies. Nhar is-27 ta' Novembru, 1678, hu waqqaf il-Parroċċa ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija u, disa' xhur wara, nhar id-29 ta' Awissu, 1679, hu waqqaf il-Parroċċa tal-Viżitazzjoni tal-Madonna lill-Elizabetta fil-Għarb.

Żewġ raġunijiet oħrajn

Fi ftit snin mat-tliet raġunijiet imsemmija, żdiedu tnejn oħra, żewġ raġunijiet li s'issa għadhom ma issemmew f'ebda kitba.

Nhar it-28 ta' Lulju, 1679, kien miet fil-Kastell l-Arċipriet tal-Matriċi, Dun Giovanni-Antonio Camilleri. Minħabba diversi diffikultajiet li nqalgħu, il-matriċi damet żmien bla ragħaj. Fl-aħħar, nhar it-3 ta' Diċembru, 1680, sar Arċipriet tal-Matriċi, Dun Karlu Magri. Dun Karlu, wieħed mill-Arċipriet l-iktar iktar eminenti tal-Matriċi, kien imwieled il-Belt Valletta, iżda għadda żgħożitu u parti kbira minn ħajtu ġewwa Ruma. Għal xi żmien, hu kien il-Bibljotekarju tal-**Università La Sapienza** ta' Ruma, u fost id-diversi kotba tiegħu insibu l-**Hierolexicon** jew Dizzjunarju ta' termini ekkleżjastiċi. Meta beda jikber xtaq li jerġa lura lejn art twelidu u kiseb, kif għidna, l-Arċipretura tal-Matriċi. Kellu allura 63 sena.Ħa l-pussess bil-prokura, għax kienu għadu Ruma, nhar il-25 ta' Frar, 1681. U għaddew iktar minn sentejn oħra qabel ma ħalla r-Ruma għal Għawdex.

Ftit wara bdiet tonqsu l-vista u wieħed jista' jobsor li ma tantx seta' jaqdi dmirijietu sewwa. Is-sitwazzjoni pastorali tal-kommunitajiet tal-kampanja kompliet titgħarraq.

Kien hemm raġuni iktar gravi. Dak iż-żmien peress li Malta u Għawdex kienu Djoċesi waħda, diversi kappillani u kanonċi f'Għawdex kienu jkunu Maltin. Il-postijiet li kienu l-iktar jirrendu kienu jagħtuhom lil saċerdoti Maltin. Povru qassis Għawdxi! Kellu xorti jmissu l-frak li jaqa' minn fuq il-mejda. Diversi minn dawn is-saċerdoti Maltin kien jinteressahom biss il-flus li kien jirrendilhom il-benefizzju jew kanonikat u kienu jaqgħu u jqumu mill-ħtiġijiet pastorali tal-Għawdxin.

L-Isqof Davide Cocco Palmeri, matul l-ewwel Viżta Pastorali tiegħu f'Għawdex f'Mejju 1687,

L-Isqof Davide Cocco Palmieri

ittenda b'dan l-abbuż u nhar is-6 ta' Mejju, għamel inkjesta fuq hekk. Dan l-aħħar, fost xi karti tal-Arkivju tal-Kurja, sibt ir-rapport oriġinali ta' din l-inkjesta. Hawn insemmi biss xi ħaġa żgira minnha, iżda 'l quddiem għad nikteb fuqha fit-tul. Fost dawk li xehdu waqt l-inkjesta kien hemm Dun Bernard Haber, iċ-ċerimonjier tal-Kapitlu tal-Matriċi-Kolleġġjata. Taħt ġurament stqarr, fost l-oħrajn, li m'hix l-ewwel darba li xi erba', ħames kanoniċi jkunu assenti fl-istess żmien mill-Kolleġġjata għax imorru Malta. Kanonku ieħor rari kien jiġi minn Malta għall-Kor u l-Arċipriet innifsu kien sikwit jitlaq u jdum Malta bejn xahar u xahar u nofs.

www.gozocathedral.org.mt

X'ma kellhomx raġun igergru in-nies tal-kampanja!

Erba' parroċċi oħra mill-matriċi

Jumejn qabel saret din l-inkjesta, l-Isqof kien ġa ħa deċiżżjoni parzjali: ħatar lil Dun Ewġenju Azzupardu bħala viċi-parroku ta' Magri bl-obbligu li jieħu ħsieb il-parruċċani mxerrda fil-kampanja.

L-Isqof Davide Cocco Palmeri kien ħa deċiżżjoni importanti oħra: mill-iktar fis possibbli kien ser iwaqqaf erba' parroċċi ġodda. Ma setax iwettaq dan minnufih għax riedu jintrebħu diversi diffikultajiet, iżda kien deċiż.

U TLIET MITT SENA ILU, nhar it-28 ta' April, 1688 hu fired erba' nħawi mill-Matriċi - ta' Sannat u l-Munxar, ix-Xagħra, in-Nadur u l-Qala mal-Imġarr u l-gżira ta' Kemmuna, u ż-Żebbuġ - u waqqafhom parroċċi għal rashom.

Ħafna tagħrif ieħor interessanti fuq il-Matriċi, il-Parroċċi Għawdxin, kif ukoll il-Ħajja Soċjali u Reliġjuża tal-Gżira Għawdxija jinstab fil-Ktieb ta' Dun Joe Bezzina.

SANNAT FI ĠRAJJIET GĦAWDEX

li dalwaqt joħroġ għall-bejgħ

RAINDROPS Tel. 554114 — 551254

Pet & Garden Centre

The Ideal Place to find all pet and garden requisites including:

- **A large selection of pesticides, herbicides and fertilizers;**
- **A range of sprayers from 1 to 16 litres including motorised ones;**
- **Artificial or fresh flower arrangements for any occasion;**
- **Seeds, bulbs and fruit trees;** • **Indoor and exotic outdoor plants;**
- **Pots and decorative pot covers;** • **Pets including pure breed rabbits;**
- **Pet foods.**

— FREE EXPERT ADVICE ON PLANT DISEASES —

BUBBLES — General Importers

Kennedy Square, Victoria.

Joffrilkom:

* **Kmamar tal-Banju**
* **Madum taċ-Ċeramika**
* **Geysers**
* **Mirja**

Mill-Aktar Moderni u bi Prezzijiet
L-AKTAR MODERATI
Director: **Francis Caruana.**

www.gozocathedral.org.mt

IL-VERĠNI MARIJA FL-ARTI AUDIO–VIŻIVA

L-ewwel u qabel kollox tajjeb li nagħtu tifsira ta' l-espressjoni arti audio-viżiva.

Sa mill-qedem id-dinja ħolqot l-arti tal-ħsejjes u ta' l-istampi. Fil-fatt sa mill-ibgħad żminijiet, il-Knisja bdiet tagħmel użu mill-qniepen biex permezz tal-ħoss tagħhom tkellem lill-Poplu t'Alla u tfakkru fid-dmir li għandu li jmur fid-dar t'Alla għall-quddiesa jew għal xi funzjonijiet oħra liturġiċi. Matul il-medda twila taż-żmien din l-arti tal-ħoss żviluppat u llum għandna bosta mezzi oħra moderni bħar-radio, il-cassettes, ir-record-players u mezzi oħra biex id-dinja tkellimna permezz tal-ħoss.

U dak qegħdin ngħidu għal-lingwaġġ tal-ħoss, nistgħu wkoll napplikawh għal-lingwaġġ tat-tpinġija. Fil-qedem, per eżempju, meta n-nies ma kinitx taf taqra, il-Knisja biex tgħallem il-misteri tal-Fidi kienet tuża l-pittura fl-oqsfa jew partijiet oħra tat-tempju tal-Mulej. Dan il-metodu l-Knisja għadha tużah ukoll llum. Għadda ħafna żmien u s-snin tgerbu u din l-arti tat-tpinġija żviluppat ħafna, tant li llum għandna il-filimini, il-films, il-videos u t-televiżjoni biex id-dinja tkellimna bil-lingwaġġ tat-tpinġija u tal-viżjoni.

Tajjeb li hawnhekk ngħidu wkoll li l-kelma 'audio' ġejja mill-verb latin 'audire' li tfisser tisma u l-kelma 'viżiva' ġejja mill-verb latin videre' li tfisser tara. Mela, meta, ngħidu, l-arti audio-viżiva nifhmu s-sengħa li biha wieħed ikellmek mhux b'ilsienu, imma bil-ħoss u bl-istampi u t-tpinġijiet li tara.

Ħafna fid-dinja tal-lum jinqdew bl-arti audio-viżiva biex iwasslu t-tagħlim tagħhom fuq ħafna suġġetti ta' attwalità. Iżda żgur li l-Verġni Marija, fost kemm huma l-bnedmin tad-inja, għandha l-primat f'dan il-qasam. Żgur li fuq il-Madonna l-aktar li tkellmet l-arti audio-viżiva.

Fl-ewwel parti ta' din l-artiklu sa nitkellem mill-arti, mis-sengħa tas-smiegħ f'relazzjoni mal-Verġni Mbierka Marija u sa nillimita ruħi għall-films marjani, għall-kant marjan u għall-mużika marjana.

FILMS MARJANI

Sa nibda l-ewwel bil-films marjani għax il-films jidħlu kemm fl-arti tas-smiegħ kif ukoll fl-arti viżiva. Ħafna huma l-films li ġew maħdumin fuq tema marjan, b'suġġett marjan. Il-Verġni Mbierka Marija, din is-Sieħba ġeneruża ma' Binha Ġesù fl-opra tal-fidwa ispirat bosta producers kbar tal-films biex bil-pellikula, fuq it-tertuqa jwasslulna l-messaġġ tal-Madonna. Il-Verġni Mbierka Marija, din il-Mara Singulari bil-libsa tax-xemx, interessat lil dawk in-nies li jaħdmu fil-qasam tal-films sa minn meta nstabet din l-iskoperta, sa minn mindu fuq l-iskrin bdejna naraw lil ħutna l-bnedmin jaħdmu partijiet daqskemm kieku qegħdin fuq il-palk jirreċitaw u jaħdmu d-drammi. Difatti fl-1954 ġiet ippubblikata enċiklopedija marjana 'Theotokos' taħt id-direzzjoni ta' Raimundo Spiazzi. Fiha nsibu li mill-1897 sas-sena 1954, kienu diġa nħaddmu 62 film dwar il-Madonna. U aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, aktar kiber l-elenku tal-films Marjani. Tant hu hekk li fl-1982 dawn il-films telgħu għaċ-ċifra 320. Evidenti llum din iċ-ċifra kibret mhux biss l-għaliex il-Verġni Marija

Il-Verġni Marija fil-film "Ġesu di Nazaret" ta' F. Zafferelli.

ma tistax ma timpressjonax l-fantasija tal-producers u ta' l-artisti tal-films, imma wkoll l-għaliex ix-xjenza f'dan il-qasam ta' l-arti cinematografika żviluppat ħafna f'dawn l-aħħar ftit snin. Fuq kollox ta' min isemmi l-fatt li ma humiex biss il-producers kattoliċi li jaħdmu films marjani, imma anki dawk li ma jagħmlux parti integrali mill-Knisja Kattolika, bħalma hi l-kommunità hekk imsejħa ta' Taize, jinteressaw irwieħhom biex jaħdmu films dwar il-Madonna. Dan huwa fattur importanti u ta' l-għaġeb fl-istorja marjana tal-films.

Suġġett Diffiċli

Minn naħa l-oħra wieħed ma jistax jinsa wkoll il-verità li Eva l-Ġdida, il-Verġni Marija, mhux dejjem hi suġġett ħafif għall-producers tal-films l-għaliex mhux faċli li tirrendi viżibli dak li huwa inviżibli, illi tirrendi naturali dak li huwa soprannaturali, li tibni fuq dimensjoni umana dak li huwa mfassal fuq dimensjoni divina, li tagħti aspett sensittiv dak li għandu aspett tranxendentali. Fi kliem sempliċi li tagħmel jidher dak li ma jidhirx.

Nagħtu eżempju: Il-Verġni Marija bħala omm Kristu storiku, Kristu li skond San Pawl fl-ittra tiegħu lill-Gallatin twieled minn mara meta waslet il-milja taż-żmenijiet, ma hijix daqshekk diffiċli biex tippreżentaha fuq l-iskrin daqskemm kieku wieħed irid jippreżenta lill-Madonna bħala Omm Alla għax hawnhekk nidħlu bil-wisq aktar fil-kamp tranxendentali, fil-kamp soprannaturali. U ħwejjeġ soprannaturali mhux faċli biex tfissirhom b'mod naturali. Mhux faċli li toħloq realtà viżibli, dik li fl-istess ħin hi realtà spiritwali.

Wisq aktar huwa diffiċli għall-producers tal-films li jaħdmu films dwar il-Verġni Marija milli dwar Kristu Binha. U dan bir-raġun. Il-ħajja ta' Kristu storiku hi rakkontata kollha kemm hi fil-Vanġelu filwaqt li mill-istess Vanġelu ftit li xejn nafu dwar il-Madonna. U hemm differenzi enormi bejn taħdem film fuq il-Mdonna u tpinġi jew tnaqqax xbieha tal-Madonna. Ta' l-aħħar fix-xbiehat tagħhom ifissru bis-sengħa ta' l-arti mument wieħed biss fil-ħajja tal-Madonna iżda ta' l-ewwel iridu jinqdew bil-ħoss u anki bil-viżjoni biex ifissru fuq l-iskrin il-ħajja kontinwa tal-Madonna. Għandek disgħin minuta fuq it-tertuqa tara u tisma' ġrajjiet li ftit jew wisq għandhom konnessjoni mal-Madonna. U meta għandek materjal fqir fuq il-ħajja tal-Madonna, fis-sens li mill-Vanġeli u l-Kotba Mqaddsa ftit li xejn nafu dwar il-ħajja tagħha mhux faċli li bil-ħoss u bil-viżjoni toħloq opra ta' arti. U fejn tidħol il-Madonna jidħol ukoll il-misteru. Il-Madonna bla dubju ta' xejn daħlet fil-misteru ta' Kristu. U għall-producers tal-films mhux ħaġa faċli, u għal ħadd mhu faċli, li ħwejjeġ mibnija fuq dimensjoni divina tirrendihom fuq dimensjoni umana, dak li hu spiritwali trid tfissru b'dak li hu materjali. Il-ħajja ta' Kristu - Storiku hi totalment differenti mill-ħajja tal-Madonna. Mhux għax il-Madonna kienet tgħix f'kontradizzjoni mal-ħajja li kien igħix Binha Ġesù, imma fis-sens li filwaqt li l-ħajja ta' Ġesù mimlija azzjoni, mimlija episodji, rakkonti, mirakli u diskorsi, il-ħajja tal-Madonna f'dan ir-rigward hija xotta ħafna.

It-twelid ta' Ġesù fil-film "Il Messia" ta' R. Rossellini.

Suġġett imfittex

Iżda minkejja dawn id-diffikultajiet kollha, mhux anqas minn 350 darba, ir-reġistri, il-producers, it-tekniċi, l-interpreti, il-finanzjarji ta' l-arti ċinematografika ħarsu lejn din ix-Xebba ta'

www.gozocathedral.org.mt

Nazzaret, l-Għarusa ta' San Ġużepp sabiex ikabbru ġieħha ma' l-erbgħat itruf tad-dinja permezz tal-ħoss u tal-viżjoni. Insemmu hawnhekk x'uħud minnhom: "La Vita e la Passione di Nostro Signore Ġesù Cristo" ta' l-1907 u l-film "Christus" fl-1916. It-tnejn kellhom bħala 'producer' lil Giulio Antamoro. Wara dawn il-films marjani tal-bidu tas-seklu tagħna, niltaqgħu wkoll mal-films "Re dei Re" ta' Cecil B. De Mille (1927), "Golgotha" ta' Julien Duvier (1934), "Mater Dei" ta' Emilio Cordero (1950) "Il Vangelo secondo Matteo" ta' Pier Paolo Pasolini (1964), "Il Messia" ta' Roberto Rossellini (1975) u "Ġesù di Nazzaret" ta' Francesco Zeffirelli



It-Tieġ ta' Kana fil-film 'Mater Dei' ta' E. Cordero

(1977). Ta' min isemmi wkoll il-film "The Song of Bernardette" ta' Henry King li sar fl-1946 u li kien għamel furur mad-dinja kollha. U biex inkunu oġġettivi, tajjeb ukoll li hawn hekk insemmi li kien hemm ukoll min permezz tal-ħoss u tal-viżjoni fl-arti cinematografika pprova jwaqqa' għaċ-ċajt lill-Verġni Marija. Biżżejjed hawnhekk infakkru fil-film "Je Vous Salie Mari" tal-Kalvanista Godard. Dan il-producer ipprova jwaqqa' għaż-żuffjet lil din il-qaddejja tal-Mulej li matul il-milja taż-żminijiet il-ġnus kollha sejħulha mbierka u hienja. Iżda bħalma qatra ilma ħdejn ocean sħiħ ma hi ta' l-ebda valur, hekk ukoll il-films tajbin li saru dwar il-Verġni Marija jitfu għal kollox ix-xrar tat-teoriji qarrieqa dwar il-Madonna li xi waħdiet ippruvaw ixerdu permezz tal-films. Minn dak kollu li għidna naslu għall-konklużżjoni li l-Verġni Marija saret ukoll figura importanti fl-arti cinematografika għax il-preżenza tagħha tinħass kemm fis-swali taċ-ċinemas kif ukoll fi djarna permezz ta' l-iskrins tat-T.V. u tal-video cassettes.

Ħsejjes biss

Niġu issa biex nitkellmu mis-songs, mid-diski u mill-mużika. Dawn lkoll jidħlu fl-arti tal-ħsejjes. Nistgħu ngħidu li kienet l-istess Madonna li għanniet fuq l-arpa ta' qalbha l-ewwel song

IŻ-Żjara tal-Madonna lil S. Elizabetta. Minjatura tas-seklu XV li tinsab Milan

marjana. U dan għamiltu fid-dar ta' qaribtha Elizabetta meta b'tifħir għolliet lill-Mulej l-innu kollu liriżmu tal-Manificat li żgur li ħareġ minn qablha u mhux minn fommha. L-istess qdusija tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Enċiklika tiegħu 'Redemptoris Mater' li ħareġ din is-sena fl-okkazzjoni tas-Sena Marjana qalilna rigward din is-song tal-Madonna dawn il-kelmiet: "L-Omm Verġni hi dejjem mal-Poplu t'Alla fil-mixi tiegħu lejn id-dawl. Dan jidher b'mod speċjali fil-kantiku tal-Magnificat li ħareġ mill-fond tal-fidi ta' Marija fiż-Żjara lil Elizabeta, kantiku li ma jieqaf qatt li jiġi mtenni fil-qalb tal-Knisja tul iż-żminijiet. Dan narawh mill-fatt li kuljum dan il-kantiku jingħad

www.gozocathedral.org.mt

fil-Liturġija ta' l-Għasar, u f'ħafna okkażżjonijiet oħra ta' devozzjoni sew ta' l-individwu u sew tal-kommunitajiet".(art. 35). Ma' dak li qal il-Papa f'din l-Enċiklika nistgħu nżidu li mijiet huma r-reliġjużi kontemplattivi li jkantaw ta' kuljum dan l-innu bibbliku Marjan. Mhux biss, imma wkoll il-Magnificat ta' Marija kien l-ispirazzjoni ta' bosta mużiċisti kbar li min noti ħelwin tal-korda ħolqu l-isbaħ sinfoniji fil-widnejn tal-bnedmin matul il-medda tas-snin. Żgur li kieku kellna nagħmlu elenku ta' kemm-il darba dan l-innu tal-Madonna ġie mużikat, żgur li ċ-ċifra kienet tkun fenominali.

Innijiet Liturġiċi

Iżda l-mużiċisti tad-dinja kollha u taż-żminijiet kollha mhux biss inqdew bl-innu tal-Magnificat biex bin-noti ħelwin tagħhom ħolqu melodiji li wasslu lill-bnedmin biex jinsew l-hemm u l-għawġ għall-ħajja, imma wkoll inqdew b'ħafna talbiet u innijiet oħra liturġiċi biex bl-istrumenti mużikali joħolqu oasi ta' paċi f'dan id-deżert tal-ħajja. Xieraq li hawn nistqarru li l-mużiċisti tabilħaqq fil-kliem ta' l-'Ave Marija', ta' l-'Alma Redemptoris 'Mater', tas-'Salve Regina', tas-'Sub Tuum Presidium', 'tar-Regina Coeli, laetare' u innijiet marjani li niltaqgħu magħhom fit-Talba ta' Sbieħ il-Jum u l-Għosrien tal-festi liturġiċi tal-Madonna sabu baħar ta' materjal sabiex bis-saħħa tal-ħoss li joffru l-istrumenti mużikali jikkonvinċu lill-bnedmin kollha ta' kull żmien li l-Verġni Marija f'dan il-wied tad-dmugħ hi tabilħaq għalihom "sinjal jiddi ta' tama żgura u ta' faraġ għall-poplu t'Alla fil-mixja tiegħu lejn is-Sema". (L.G. art. 68.)

Serħan il-Qalb

U hekk kif l-ilwien tal-fjuri ġewwa l-ġonna jitħalltu u jiżżewġu biex joffru dehra li ssaħħar l-għajnejn, hekk tħalltu n-noti mżewqa tal-mużiċisti biex minnhom ħolqu għanja f'ġieħ il-Madonna li bħalha qatt ma għana fomm ta' poeta. Il-mużika marjana dejjem qajmet fil-moħħ tal-bniedem il-kordi tal-ħsieb u dejjem qanqlet ma' ġisimna kollu mewġa ta' serħan u sliem. Din il-mużika marjana dejjem ħarbet l-hemm u l-għawġ fil-ħajja 'l bogħod minnha. Il-mużika marjana minn dejjem tatna ħjiel ta' dik l-hena li tinsab fis-sema. Il-mużika marjana dejjem qanqlet fi qlubna sakra ta' hena li ħadd ma jfisser bil-kelma. Kull meta smajna f'widnejna l-mużika Marjana qlubna ma baqgħux imnikta, imma ġew miksija bl-ifwaħ balzmu u midluka bl-ingwent tal-faraġ.

Għalxejn tgħaddi minn fuqna mimlija bin-niket il-mewġa tas-snin, għax kif nisimgħu l-Ave Marija ta' Gunoud, inħossuna nixxettlu mill-ġdid daqskemm inkunu se nerġgħu nibdew il-ħajja. Il-mużika marjana ta' kull żmien u ta' kull nazzjon qed tgħanni għal dejjem f'ġieħ Marija li Alla magħha għamel ħwejjeġ kbar. Il-mużika marjana ta' kull livell u ta' kull ritmu qegħda tgħin lill-bnedmin biex l-Ispirtu tagħhom jifraħ għal dejjem f'Alla s-Salvatur tagħhom. F'kull parti tad-dinja fejn il-mużika marjana mhix nieqsa, il-bnedmin iħossu li l-ħniena t'Alla ma tonqoshom fl-ebda epoka tal-ħajja. Biżżejjed wieħed jisma' l-Ave Marija ta' Schubert biex jinduna u jintebaħ li fis-Sema tinsab il-Verġni Marija biex kontinwament tagħmilha ta' avukata, ta' għajnuna, ta' Awżiljatriċi u medjatriċi tiegħu quddiem Alla (cfr L.G. art. 62). Biżżejjed wieħed jisma' lis-'Stabat Mater' ta' Palestrina biex jifhem li l-Verġni Marija quddiem Alla tgawdi funzjoni subordinata fl-opra tal-Fidwa għax fuq il-Kalvarju ħdejn is-salib hija flimkien ma' Binha Ġesù soffriet tbatijiet kbar f'qalbha għall-fidwa tal-bnedmin kollha tad-dinja. Biżżejjed wieħed jisma' l-Għasar tal-Madonna, kompożizzjoni tal-bidu tas-seklu 17 ta' Claudio Monte Verdi biex jiftakar li aħna f'din id-dinja m'għandnix Belt dejjiema imma pajjiżna huwa s-sema fejn irridu nagħmlu parti mill-Knisja tas-Sema, il-Knisja bla tikmixa u bla tebgħa. Biżżejjed wieħed jisma' l-Magnificat ta' **Sebastiano Bach** biex **jaċċetta**



Sebastian Bach

www.gozocathedral.org.mt

dak li stqarr Santu Wistin: "Ġesù Kristu meta niżel fuq din l-art ma tbiegħedx mis-sema u meta tela' s-sema ma tbiegħedx minn din l-art". Biżżejjed wieħed jism' l-għanjiet marjani ta' San Filippu Neri biex tasal għall-konklużżjoni għal dak li jgħidulna t-teologi b'riferenza għall-Madonna: "Omnipotentiae supplex" kif urietna biċ-ċar li hi fit-tieġ ta' Kana tal-Galilea. U nagħlaq din il-parti bl-episodju ta' Paganini, il-vjolinista ta' fama mondjali. Jingħad li dan il-vjolinista kellu jagħti kunċert b'dan l-isrument mużikali tiegħu. Meta ġie biex jesegwixxi dan il-programm, isib li l-istrument tiegħu ġie mibdul. Ma kienx il-vjolin li bih Pagani soltu jdoqq u joħroġ minnu noti l-aktar ħelwin. Iżda Paganini xorta waħda daqq il-kunċert mingħajr ma qabditu fixxla u xorta waħda ħareġ minn dan il-vjolin noti ħelwin l-għaliex huwa stqarr: "Il-mużika mhux qegħda fil-vjolin, imma f'qalbi".

Hekk ukoll aħna, l-imħabba tagħna lejn il-Madonna għandha tkukn mhux fuq ix-xufftejn, imma f'qalbna.

ARTI VIŻITA MARJANA

Fl-arti viżiva Marjana niltaqgħu mal-pittura u ma' l-ikoni li għandhom bħala suġġett prinċipali lill-Verġni Marija kif ukoll l-istatwi tal-Madonna mnaqqxin jew maħdumin fl-irħam, fil-bronż, fil-ġebel, fil-kartapesta jew f'xi materjal ieħor. Nibdew bil-pittura marjana. Evidenti mhux possibli li f'artiklu tikteb fuq il-kwadri kollha li tpinġew dwar il-Verġni Mbierka Marija minn artisti kbar. Fil-fatt dak li qal San Ġwann b'riferenza għal Kristu meta stqarr li kieku wieħed kellu jikteb kollox ħaġa b'ħaġa dwar il-ħajja ta' Ġesù, naħseb li anqas id-dinja stess ma kienet tesagħhom il-kotba li kien jinkitbu" (cfr. Gw. 20:25), dan igħodd ukoll għal dak li tpinġa dwar il-Madonna. Kieku l-kittieba kellhom jiktbu dwar kull tpinġija Marjana li hawn fid-dinja, kieku l-ispazju tad-dinja ma kienx ikun biżżejjed għal dawn il-kotba.

L-ewwel xbihat tal-Madonna li niltaqgħu magħhom insibhom fl-affreski tal-katakombi fiċ-ċimiteru ta' Priscilla. Dawn huma ta' nofs is-sekelu 3 u kważi lkoll kemm huma juru lill-Verġni Mbierka Marija bil-Bambin Ġesù fi ħdanha. Iżda fl-istess ċimiterju niltaqgħu ma' affresk ieħor u ta' l-istess epoka li juri l-Annuzzazjoni tal-Madonna. Wara li l-Konċilju ta' Efesu fl-431 iddikkjara l-Verġni Marija mhix biss Omm

Kristu, imma wkoll Omm Alla, il-pitturi fl-istess belt eterna ta' Ruma bdew ifissru fuq it-tila li l-Verġni Mbierka Marija hija Omm Alla għax hi mhux biss hi Omm Kristu bħala bniedem, imma ukoll Omm Kristu bħala Alla. Kważi l-pitturi kollha ta' din l-epoka bdew ifissru bl-ilwien dak li espremiet bil-kliem Santa Elizabetta f'ġieħ qaribtha l-Verġni Marija meta qalet: **"U mnejn ġieni dan li Omm il-Muelj tiġi għandi?"** (Lq 1, 43).

Ikonografija

Nistgħu ngħidu li wara l-Konċilju ta' Efesu bdiet l-epoka ta' l-Ikonografija Marjana. Tajjeb li nfissru xi tkun Ikonografija. L-ikonografija tikkonsisti f'dik l-arti li tfisser suġġett bit-tpinġija li x'aktarx tkun fuq l-injam. Min mar il-Greċja, ir-Russja u l-Asja Minuri żgur li laqtugħ in-numru kbir ta' ikoni li hemm u li jġibu x-xbihat tas-Salib, tal-Madonna, ta' l-Anġli u tal-qaddisin. L-aħjar definizzjoni ta' 'ikona' offrihielna r-raba' Konċilju ta' Kostantinopli meta qalilna: "Cio' che il-Libro ci dice con le parole, l'Incona

www.gozocathedral.org.mt

Ikona Bizantina tal-Madonna bil-Bambin Ġesù li tinsab fil-Knisja 'La Consolata' ta' Turin.

annuncia con i colori e lo rendew presente". (Azione X, c.3,; 28-11-870). Iżda x-xitan dejjem jipprova jdeffes denbu biex joħloq l-inkwiet fejn tkun qed jixtered it-tajjeb. Fil-fatt wara li nbdiet din l-era ta' l-ikonografija nħolqot fost il-poplu ta' dawk iż-żminijiet kattoliċi u insara jekk wieħed jistax jagħti qima lil dawk ix-xbihat, lil dawn l-ikoni. U kważi 1200 sena ilu i.e. fis-sena 787 it-Tieni Konċilju ta' Nicea ta d-deċiżjoni li wieħed jista' jagħti qima lil dawn l-ikoni. U dwar l-importanza ta' l-ikonografija Marjana fil-kuntest ta' l-arti viżiva ma nistax ngħidilkom aħjar u b'mod konċiż minn dak li ħallilna bil-miktub il-Papa attwali Ġwanni Pawlu II fl-Enċiklika tiegħu Redemptoris Mater: "Il-konċilju ta' Nicea", li temm il-kontroversja li kien hemm dwar il-qima tax-xbihat imqaddsa, iddefenixxa, li skond it-tagħlim tal-Missirijiet Imqaddsa tal-Knisja, kienu jistgħu jiġu esposti għall-qima ta' l-insara, flimkien mas-salib, ix-xbihat ta' Omm Alla, ta' l-Anġli u tal-qaddisin, fil-knejjes u fid-djar u fit-triqat. Din id-drawwa baqgħet imħars fil-lvant kollu u fil-punent ukoll. Xbihat tal-Verġni Marija jinżammu bl-akbar ġieħ fid-djar u fil-knisja. F'dawn ix-xbihat Marija tidher f'ħafna suriet: bħal tron t'Alla li terfa' lill-Mulej u tagħtih lill-bnedmin (Theotokos); bħal it-triq li twassal



għand Kristu u turih lill-bnedmin; bħala dik li qegħda titlob, li tinsab f'qagħda ta' talb u bħala sinjal tal-preżenza t'Alla fil-mixi ta' l-insara sa ma jasal Jum il-Mulej, bħala dik li titfa' l-ħarsien tagħha fuq il-ġnus kollha; bħala Verġni kollha ħniena u ħlewwa. Ġeneralment hi mpinġija b'Binha, it-tfajjel Ġesù, fuq dirajha; hi din ir-relazzjoni ta' l-Iben ma' Ommu li ssebbaħ lil Marija. Xi kultant tgħanqu magħha bi ħlewwa liema bħala; drabijiet oħra hi figura mitlufa kollha kemm hi fil-kontemplazzjoni ta' dak li hi Sid il-ġrajjiet. Ta' min isemmi hawn ix-xbihat, l-ikoni tal-Madonna ta' Vladimir, li kienet imsieħba mal-mixja tal-fidi tal-ġnus tal-pajjiż antik tar-Rus. Qed toqrob, jissokta jgħidilna l-Papa, l-ewwel elf sena tal-konverżjoni għat-twemmin nisrani ta' dawn l-artijiet hekk nobbli: huma l-artijiet ta' nies umli, ta' għorrief u ta' qaddisin. L-ikoni għadhom meqjuma fl-Ukranja, fil-Bjelrussja u fir-Russja taħt għad ta' titoli. huma xbihat li jixhdu l-fidi u l-ispirtu ta' talb ta' dawk il-ġnus, li jħossu l-preżenza u l-ħarsien ta' Omm-Alla. F'dawn l-ikoni l-Verġni Marija tiddi bħala xbieha tal-ġmiel liema bħalu ta' Alla, l-għamara ta' l-għerf ta' dejjem, il-figura ta' waħda titlob, eżempju ewlieni ta' kontemplazzjoni, xbieha ta' glorja: hi li wkoll tul ħajjitha fid-dinja kellha għerf spiritwali li jisboq ir-raġuni tal-bniedem u li bil-fidi tagħha kisbet l-għerf għoli. Niftakar ukoll fl-ikona tal-Verġni Marija fiċ-Ċenaklu titlob ma' l-Appostli huma u jistennew il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu: ma tistax din l-ikona tkun sinjal ta' tama għal dawk kollha, li fid-djalogu, bħal aħwa jixtiequ jidħlu aktar fil-fond ta' l-ubbidjenza tal-fidi tagħhom?" (art. 33).

www.ozgocathedral.org.mt

Il-Papa jgħid li dawn l-ikoni, dawn ix-xbihat tal-Madonna fuq l-injam għandhom iservu biex il-Knisja mill-ġdid tibda tieħu n-nifs miż-żewġ pulmuni tagħha li huma l-insara tal-punent kif ukoll l-insara tal-lvant. Tassew li l-Papa f'din l-Enċiklika Redemptoris Mater ġabar dak kollu li wieħed jista' jgħid ikoni marjani.

Żmien il-Rinaxximent

U hawn mill-ġdid nerġgħu għall-pittura marjana fuq it-tila. Fi żmien ir-Rinaxximent i.e. fis-seklu 15 u 16 l-aktar li jispikka fil-pittura marjana, fl-arti viżiva marjana hu bla dubju ta' xejn ir-Raffaelo li bl-ilwien tiegħu fuq it-tila nistgħu ngħidu li offrilna l-istorja tal-Marjoloġija kollha: mit-tħabbira tagħha biex tkun l-Omm t'Alla sat-tlugħ tagħha fis-sema. Pitturi oħrajn bħal Beato Anġeliku u t-Tiziano mhux biss bil-pinzell tagħhom urewna kif il-Verġni Marija tista' tissejjaħ it-Tielet Ġenna li ma ġietx mittiefsa, imma wkoll għallmuna dak li qalilna l-Konċilju Vat. II illum fl-art. 62 meta stqarr: "Fl-imħabba tagħha ta' Omm, il-Verġni Marija mis-sema għandha taħseb il-ħin kollu f'dawk l-aħwa ta' Binha, li fit-triq tagħhom lejn is-Sema, għadhom jitħabtu fost perikli u diffikultajiet u tibqa' tieħu ħsiebhom sa ma jidħlu fil-Patrija tagħhom". L-artisti oħrajn fil-qasam tal-pittura bħalma huma l-Correggio, il-Beato Angelico, Filippo Lippi, il-Botticello, Giovanni Bellini, Jan Van Eyck, Jean Fouquet fi Franza, Grunewald u Durer fil-Ġermanja lkoll kemm huma ħlew għaqalhom u għamlu l-almu kollu tagħhom possibli biex minn l-ilwien ta' fuq it-tila jgħallmuna dak li fi żmienna għallimna l-Konċilju Vat. II meta qalilna: "Marija bdiet tkun Ommna fil-pjan tal-Grazzja sa minn mindu hi tat il-kunsens tagħha għat-tħabbira ta' l-Anġlu, kunsens li Hija żammet bla ebda eżitazzjoni taħt is-salib u għadha u tibqa' ommna sa ma sseħħ għal kollox il-ġemgħa tal-magħżulin kollha." (L.G. art. 62).

Fis-seklu 16, niltaqgħu mal-Caravaggio, ma' Antonio Van Dyck u ma' oħrajn li ma naqsux li fuq it-tila jgħallmuna li t-talba bibblika tar-Rużarju Mqaddes għandha l-ħila toħroġ in-nies mill-ħabs għax ikunu nxteħtu fih b'inġustizzja u tfejjaq il-mard li umanament hu inkurabbli. F'dan iż-żmien niltaqgħu ukoll ma' Rembrant, Rubens, tal-Murillo, Domenchino u Riberra u Mattia Preti. Bil-ġenju li bih Alla żejjinhom ħallewlna fuq it-tila l-verita li stqarr S. Anselmu: "qabel Marija ħadd, wara Marija, kulħadd".

Simboliżmu

Il-pitturi moderni qegħdin ifissru lin-nies ta' żmienna, li intelletwalment huma suppost aktar żviluppati min nies ta' qabilhom, it-tagħlim dwar il-Madonna permezz tas-simboliżmu. Fejn qabel konn naraw fuq it-tila per eżempju xbieħa tal-Verġni Marija liebsa l-abjad biex il-pittur ifisser is-safa tal-Madonna, illum naraw fuq it-tila għalqa mimlija ġilji bajdana b'caption li tgħid Tota Pulchra es, Maria: Kollok kemm inti sabiħa, O Marija.

Wieħed artista pinġa kwadru tal-Madonna b'żewġ anġli wieħed kull naħa tagħha. L-anġlu tal-lemin kien ikollu ferħan qiegħed jirċievi mingħand l-Madonna ħabel bla ebda għoqda filwaqt li l-anġlu tan-naħa tax-xellug kien kollu mnikket. Fuq wiċċu kellu bixra ta' wieħed qalbu sewda l-għaliex f'idejh kellu ħabel mimli għoqod li ma setgħa jħoll l-ebda waħda minnhom. Kellu għalhekk jgħaddi l-ħabel lill-Verġni Marija li din, bla dubbju ta' xejn, ħallithom u għaddiet dan il-ħabel maħlul mill-għoqod lill-Anġlu tan-naħa tal-lemin. Dan l-Anġlu kollu ferħan aċċetta dan il-ħabel maħlul mill-għoqod. Dan il-kwadru jgħallimna biċ-ċar li fl-għoqod iebsa li magħhom niltaqgħu fil-ħajja tagħna jeħtieġ li nirrikkoru għand il-Madonna bħalma għamlu l-agħrajjes tat-tieġ ta' Kana l-għaliex biex inħolluhom dawn l-għoqod mhux biżżejjed li nirrikorru għand l-għorrief tad-dinja. Dan il-kwadru jgħallimna li aħna nirrikorru għand l-għorrief tad-dinja. Dan il-kwadru jgħallimna li aħna mhux biss għandna nħarsu lejn il-pittura marjana biex inpaxxu lil għajnejna, imma ukoll biex nitgħallmu dejjem aktar min hi l-Verġni Marija.

Skultura Mariana

Ngħaddu issa biex nitkellmu mill-iskultura Marjana għax din ukoll tifforma parti mill-arti viżiva. Bosta kienu dawn l-iskulturi li naqqxu fil-bronż, fl-irħam, fil-ġebel u fil-ġibs xbihat tal-Madonna li jagħtu biċ-ċar xiehda tal-fidi nisranija tal-bnedmin ta' kull żmien. Eluf kbar huma l-knejjes tal-kattoliċi li hawn fid-dinja kollha. F'kull waħda minn dawn il-knejjes għandek issib opra ddedikata lill-Verġni Marija, opra li ħarġet mill-idejn ta' min jaf iħaddem l-iskarpell u l-martell, opri bħal dawn joffru testimonjanza qawwija li l-Verġni Marija tokkupa post speċjali u

www.gozocathedral.org.mt

privileġġjat fil-qalb ta' min miexi mill-qrib wara Ġesù.

F'dan il-qasam ta' l-arti viżiva sa nsemmi biss l-istatwa tal-Pjetà tal-M'Angelo li tinsab fl-ewwel kappellun tan-naħa tal-lemin inti u dieħel fil-Bażilika ta' San Pietru. Din l-istatwa meta tħares biss lejha tikkonvinċik li l-Verġni Marija mhijix biss Omm Kristu, r-Ras tal-Knisja, imma tal-Ġisem Mistiku kollu tiegħu, li l-espansjoni tal-maternità spiritwali tagħha hija estiża għall-bnedmin kollha tad-dinja għax fuq il-Kalvarju, Hija ssieħbet fit-tbatijiet ta' Binha Ġesù għall-fidwa tal-bnedmin kollha bla eċċezzjoni ta' ħadd. L-arti ta' l-iskultura ma naqsitx li tieħu sehem f'dan l-innu ta' foħrija f'ġieħ il-Verġni Mbierka Marija. Tassew li l-iskulturi kollha tad-dinja waqgħu taħt is-seħer ta' l-isem tal-Verġni Mbierka Marija sabiex inqdew b'dak li hu materjali ħalli jfissru l-espressjonijiet tagħhom ta' ġmiel u hena li qatt ma jintemm.

Filaterija Marjana

Tajjeb li fil-qosor ngħidu xi ħaġa dwar il-filaterija marjana li tofforma wkoll parti mill-arti viżiva dwar il-Madonna. Il-filaterija mhijix ħaġa oħra ħlief l-interess li wieħed jieħu fil-ġbir tal-bolli maħruġa minn diversi pajjiżi tad-dinja. U f'din il-filaterija niltaqgħu ma' bosta bolli li jġibu x-xbihat tal-Madonna taħt bosta titli li bihom hi magħrufa fir-reliġjożità popolari. U jekk darba l-Papa Ġwanni Pawlu II stqarr li l-paċi m'għandhix frontieri, hekk nistgħu ngħidu li l-verġni Marija fl-arti viżiva m'għandix frontieri galadarba tidħol ukoll fil-qasam tal-filaterija. U f'dawn il-bolli ma narawx biss riproduzzjonijiet ta' xbihat tal-Madonna ta' artisti famużi, imma anki xogħolijiet oriġinali. Żgur li m'hawnx pajjiż li ma ppubblikax xi bolla li ġġib ix-xbieha ta' l-Omm t'Alla u tagħna l-bnedmin, il-Verġni Marija. U min irid jiġbor f'album dawn il-bolli marjani żgur li n-numru tagħhom mhuwiex biss ta' ftit tużżani, imma ta' eluf u eluf kbar li jixhdu biċ-ċar id-devozzjoni li biha l-ġnus kollha tad-dinja, b'devozzjoni lejn il-Madonna tinsab fil-qalb tal-Poplu t'Alla.

Hawnhekk nistgħu nikkonkludu li din l-arti viżiva hija xiehda tal-qibda kbira li dejjem ħassew il-ġenji kbar tad-dinja lejn il-personalità ta' Marija. Tassew li ħġieġ, pniezel u lwien mis-sustanza materjali tagħhom għaddew mill-għarbiel ta' l-arti nisranija biex sawru l-isbaħ tifkiriet dejjiema f'ġieħ il-Verġni Mbierka Marija.

Tassew li l-widnejn u l-għajnejn huma ż-żewġ twieqi prinċipali illi l-ispirtu fannad fil-ġisem tagħna ħalli permezz tagħhom aħna nidħlu f'għaqda mal-ġrajjiet li jitwettqu quddiemna. Tassew li l-għajnuna u l-widnejn igħinuna nidħlu f'realtà mal-ħwejjeġ ta' madwarna. Għalhekk, inkunu tabilħaqq qegħdin inwettqu dmirna bħala nsara jekk kemm-il darba aħna nagħmlu użu mill-arti audio-viżiva biex nitgħallmu dejjem aktar dwar il-Madonna. U f'din l-era teknoloġika żgur li l-arti audio-viżiva għamlet passi ta' ġgant fuq it-triq tal-progress. U dan ifisser li fi żmienna dawn il-kelmiet ta' Kristu: "Tassew ngħidilkom li bosta profeti u nies ġusti xtaqu jaraw dak li qegħdin taraw intom u ma rawħx, u jisimgħu dak li qegħdin tisimgħu intom u ma semgħuhx" (Mt.13:17), aktar japplikaw għalina llum jekk inkunu fost dawk li nitraskuraw l-arti audio-viżiva biex inkunu nafu aktar dwar il-Verġni Marija. Mela, ma nonqsux li nħaddmu l-arti audio-viżiva biex inkabbru l-kultura marjana tagħna ħalli Kristu stess ifaħħarna u jgħidilna: "Henjin għajnejkom għax qegħdin jaraw; henjin widnejkom għax qegħdin jisimgħu." (Mt. 13:16).

Mons. Arċipriet C. Scicluna



ĠRAJJIET IMPORTANTI TA' MATUL IS-SENA

2-8-87:
Saret tifkira speċjali ta' egħluq il-25 sena mill-mewt ta' Dun Franġisk Scicluna u ta' egħluq il-25 sena minn meta Mons. Arċipriet ġie nkarigat mill-ħidma pastorali fil-Parroċċa tal-Katidral mill-Ecc.za Tiegħu Mons. G. Pace, dak-in-nhar Isqof t'Għawdex.
5-8-87:
Ħarġa marjana għall-anzjani tal-parroċċa.
6-8-87:
Sar il-ftuħ tal-Aġġornament tal-Bibljoteka Parrokkjali.
8-8-87:
Saret ikla tipikament Għawdxija fil-Pjazza tal-Knisja.
9-8-87:
Inżamm mill-membri tal-Kommunità Parrokkjali l-Pageant Mużikali Marjan bl-isem **"It-Tielet Ġenna"**, kitba ta' John Cremona.
15-8-87:
Ħlejjaq u folol kbar ta' nies miż-żewġ gżejjer ħonqu l-Belt Victoria u l-Knisja Katidrali għall-Festa ta' Santa Marija.
2-9-87:
Il-Kor 'The London Festival Singers' taw kunċert ta'mużika fil-Katidral.
14-9.87:
Bdiet is-Sajda tal-Mużew għaż-żewġ parroċċi tar-Rabat.
22-9-87:
Tfakkar il-123 anniversarju mit-twaqqif tad-Djoċesi.
27-9-87:
Inżamm Jum il-Katekiżmu fid-Djoċesi.
1-10-87:
Infetħet is-Sena Kateketika 1987-88 b'quddiesa ċelebrata minn Mons. Arċipriet C. Scicluna fiċ-Ċentru Parrokkjali.

www.gozocathedral.org.mt

4-10-87:
Ħarġet mill-Katidral il-Purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju. Ħa sehem Mons. Isqof.
5-10-87:
Infetaħ Kors ta' Marjoloġija li ġie mogħti fiċ-Ċentru Parrokkjali minn Mons. Isqof. Għal dan il-kors attendew ħafna nies.
8-10-87:
Tħabbret il-mewt ta' Mons. Ġorġ Mercieca. Il-Konċelebrazzjoni tal-funeral tmexxiet minn neputih, l-Arcisqof ta' Malta, Mons. G. Mercieca.
11-10-87:
Inżammet is-Solennità Liturġika tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja Katidrali. Il-Konsagrazzjoni kienet saret fl-1716.
18-10-87:
Inżammet il-Ġurnata Missjunarja. Tħabbret il-mewt ta' Mons. Francesco Borg.
31-10-87:
Inżammet ġurnata ta' talb bir-reċita tar-Rużarju fil-Knisja fl-okkażżjoni tas-Sena Marjana.
1-11-87:
Mons. Rużar Borg, Vigarju Foranew għaż-żona 'A', ħa l-pussess ta' Kanoniku effettiv tal-Kapitlu Katidrali. Filgħodu Mons. Isqof mexxa l-Pontifikal tal-Qaddisin Kollha.
2-11-87:
Fis-6.00 p.m. Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni Pontifikali tal-Għid ta' l-Imwiet.
14-11-87:
Fetħet il-Missjoni Djoċesana.
1-12-87:
Fetaħ il-Bazaar fiċ-Ċetnru Parrokkjali u b'riżq l-istess Ċentru.
8-12-87:
Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni Pontifikali tal-Festa ta' l-Immakulata, fis-7.15 a.m.
15-12-87:
Bdiet in-Novena tal-Milied għat-tfal fiċ-Ċentru.
16-12-87:
Bdiet fil-Katidral in-Novena tal-Milied għall-Kbar.
21-12-87:
Inżammet Serata Speċjali tal-Milied fil-Katidral bis-sehem tal-Kor 'Marija Assunta' tal-parroċċa u xi korijiet oħra.
22-12-87:
Fl-aħħar ġurnata tan-Novena tal-Milied saret il-premjazzjoni tat-tfal fiċ-Ċentru Parrokkjali. Ittella' wkoll Bambin kbir tal-Milied fost it-tfal preżenti.
24-12-87:
Fil-11.45 p.m. bdiet il-funzjoni tal-Lejl tal-Milied
25-12-87:
Fid-9.00 a.m. Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni Pontifikali tas-Solennità Liturġika tal-Milied.
27-12-87:
Mons. Ġużeppi Gauci ħa l-pussess ta' kanoniku effettiv tal-Kapitlu Katidrali.
1-1-88:
Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' Jum il-Paċi.
3-1-88:
Mons. Isqof N. Cauchi mexxa l-Konċelebrazzjoni tas-Solennità ta' l-Epifanija.
4-1-88:
Inżamm Quiz Bibliku-Marjan fil-Katidral. Ħadu sehem bosta tfal tal-Parroċċa. Mexxa l-quiz is-Sur Anton Farrugia.

www.gozocathedral.org.mt

18/25-1-88:
Inżammet l-Ottava ta' Talb għall-għaqda bejn il-Knejjes.
Ta' kull filgħaxija kienet issir riflessjoni fuq l-intenzjoni tab kull ġurnata.
2-2-88:
Mons. Isqof fis-6.00 p.m. mexxa l-Konċelebrazzjoni tal-festa tal-Presentazzjoni tal-Mulej.
10-2-88:
Inżammet il-festa ta' l-Appostlu Missierna San Pawl.
20/27-2-88:
Inżammet il-Ġimgħa tal-Parroċċa li matulha saru bosta attivitajiet.
21-2-88:
Saru laqgħat fiċ-Ċentru Parrokkjali għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma ta' l-Isqof kif ukoll għall-ġenituri tagħhom. Ftuħ ta' wirja artistika bir-ritratti dwar il-Katidral. Ftuħ u tberik ta' JUM IL-KTIEB fuq il-Madonna.
24-2-88:
Pellegrinaġġ Penitenzjali Parrokkjali għas-Santwarju Bażilika Ta' Pinu.
25-2-88:
Inżamm JUM IL-ĠENITURI għat-tfal tal-Katekiżmu.
26-2-88:
Inżamm JUM TA' TALB minn diversi gruppi tal-Parroċċa. Inżammet Serata Marjana
27-2-88:
Fis-7.00 p.m. inżammet Ikla fiċ-Ċentru Parrokkjali għall-benefatturi kollha.
29-2-88:
Bdew l-Eżerċizzi Spiritwali li saru mill-Kan. Dun Ġużepp Mifsud Bonnici.
7-3-88:
Bdew l-Eżerċizzi Spiritwali għaż-żgħażagħ fiċ-Ċentru mill-Gwardjan T. Mifsud
14-3-88:
Saret l-Acies tal-Leġjun ta' Marija fil-Katidral.
15-3-88:
Saret Via Sagra mat-triqat tal-Kastell.
16-3-88:
Bdiet is-Settiena tal-Madonna tad-Duluri.
17-3-88:
'Via Matris' bl-istatwa tad-Duluri fit-triqat Antonio Mallia u Borg Gheritu.
19-3-88:
Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' San Ġużepp.
21-3-88:
Bdew l-Eżercizzi Spiritwali għall-anzjani.
25-3-88:
Saret Adorazzjoni Ewkaristika għaż-żgħażagħ ta' l-Aurora Youth Movement.
27-3-88:
Fid-9.15 a.m. Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni tat-tberik tal-Palm.
Fis-6.30 p.m. ħarġet il-purċissjoni tal-Passjoni. Sieħbet il-Purċissjoni il-Banda Ċitt. 'Leone'
28-3-88:
Feature tal-Passjoni mtella' mill-membri tal-Parroċċa. Producer Ġanni Cremona.
29-3-88.
Saret serata speċjali tal-Passjoni fiċ-Ċentru Parrokkjali.
30-3-88: Żjara lil diversi knejjes ta' Malta fejn hemm l-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira.
31-3-88:
Fit-8.30 a.m. Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni tat-Tberik taż-Żjut.
Fis-6.30 p.m. Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni ta' l-Ikla tal-Mulej.

www.gozocathedral.org.mt

1-4-88:
Fl-4.30 p.m. Mons. Isqof mexxa l-funzjoni liturġika tal-Ġimgħa l-Kbira.
2-4-88:
Fit-8.00p.m. Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni tat-tberik tal-Blandun.
3-4-88:
Fid-9.15 a.m. Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni ta' l-għid il-Kbir.
Beda t-tberik tal-familji.
9-4-88:
Saret fiċ-Ċentru ikla f'ġieħ Mons. Isqof N. Cauchi fl-okkażjoni tal-21 sena mill-Ordinazzjoni Episkopali tiegħu.
14-4-88:
Sar kunċert ta' mużika Sagra minn Banda Ingliża.
23-4-88:
Wasal pellegrinaġġ mix-Xagħra l-Katidral biex ifakkar egħluq it-300 sena mit-twelid tal-parroċċa. Fil-fatt il-parroċċa tax-Xagħra twieldet fit-28 - 4 - 1688 mill-parroċċa tal-Katidral
29-4-88:
Saret it-tifkira speċjali ta' egħluq it-32 sena minn meta s-Soc. Fil-'Leone' irregalat lill-parroċċa tal-Katidral l-istatwa sabiħa ta' l-Assunta.
4-5-88:
Mons. Isqof N. Cauchi mexxa l-Konċelebrazzjoni ta' l-Ewwel mill-15-il Erbgħa li jiġu qabel il-festa ta' Santa Marija Billi ninsabu fis-Sena Marjana din is-sena għal din l-okkażżjoni ħadet sehem fil-quddiesa l-Banda Cittadina 'Leone'. Il-knisja kienet fgata bin-nies.
7-5-88:
Fetħet il-Ġimgħa Ewkaristika Liturġika billi Mons. Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni flimkien mas-Saċerdoti tal-Presbiterju Parrokkjali.
8-5-88:
Mons. Penit. Girgor Vella f'quddiesa għamel lill-abbatini l-Att ta' Affidament lill-Madonna
9-5-88:
Mons. Arċipriet C. Scicluna fetaħ u bierek wirja ta' proġetti marjani li bnew it-tfal li din is-sena rċivew is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof. Is-Sur Anton Farrugia kien it-Tutur tagħhom.
11-5-88:
Saret l-Ewwel Tqarbina tat-tfal tal-Parroċċa.
12-5-88:
Mons. Isqof amministra s-Sagrament tal-Konfermazzjoni lit-tfal tal-Parroċċa.
13-5-88:
Fetħet l-Espożizzjoni Solenni ta' Ġesù Ewkaristija.
15-5-88:
Għalqet il-Ġimgħa Liturġika-Ewkaristika b'purċissjoni Ewkasristika li tmexxiet mat-triqat prinċipali tar-Rabat minn Mons. Isqof N. Cauchi.
1-6-88:
Sar pellegrinaġġ Marjan mill-Kommunità Parrokkjali għall-Katidral. Telaq miċ-Ċentru fis-6.30 p.m.
8-6-88:
Is-Sorijiet Franġiskani għamlu pellegrinaġġ Marjan għall-Katidral fl-okkażżjoni tas-Sena Marjana. Ħadu sehem fil-quddiesa vespertina ta' waħda mill-Erbgħat.
15-6-88:
Is-Sorijiet Dumnikani għamlu pellegrinaġġ Marjan għall-Katidral fl-okkażżjoni tas-Sena Marjana fl-okkażżjoni ta' waħda mill-Erbgħat.

www.gozocathedral.org.mt

22-6-88:
Tal-Mużew, fergħa tan-nisa, għamlu pellegrinaġġ Marjan għall- Katidral fl-okkażżjoni tas-Sena Marjana. Ħadu sehem bil-grupp kitarristiku tagħhom fil-quddiesa vespertina ta' waħda mill-Erbgħat.

25-6-88:
Saret l-Ordinazzjoni Sagra għad-Djakonat u għall-Presbiterat. Fost id-djakni ġie ordnat saċerdot Dun Joe Vella Gauci li hu addett għas-servizz pastorali tal-Parroċċa tal-Katidral. Nifirħulu minn qalbna.

27.6.88:
Ġie jżur il-Katidral, il-Kardinal Maurice Otunga li ħa sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet triċentinarji mit-twaqqif tal-Parroċċa tan-Nadur.

www.gozocathedral.org.mt

Nifirħu



1. Mons. Ġużeppi Borg Attard twieled il-Fontana u ġie ordnat saċerdot fil-Katidral f is-26-4-1953 mill-Isqof G. Pace. Wettaq ħidma pastorali barra minn Malta fl-arċidjoċesi ta' Firenze u ta' Milan sakemm fit-8 ta' Ġunju 1969 ħa l-pussess ta' Arċipriet tal-Parroċċa tal-Qala. F'April ta' l-1983 irtira minn din il-kariga u sar Kanċellier tal-Kurja f'Ottubru, 1985. Huwa ħa l-pussess ta' Monsinjur Kuġitur tal-Kapitlu Katidrali fl-10 ta' Jannar 1988.

2. Fr. Joseph Vella Gauci twieled fis-17-1-1964 u ġie mgħammed il-Katidral fid-19-1-1964. Ġie ordnat saċerdot fil-25 ta' Ġunju, 1988 fil-Katidral minn Mons. Isqof N. Cauchi. Dun Joe hu addett għas-servizz pastorali tal-Parroċċa tal-Katidral u minn dawn il-kolonni nawgurawlu ħidma fejjieda f'dan il-qasam tal-Mulej.

3. Marlin Vella twieled fid-9-6-1975 u ġie mgħammed il-Katidral fis-6-7-1975. Ilu abbati għal aktar minn 5 snin. Dejjem fittex li jaqdi sewwa d-doveri tiegħu u s-sena li ġejja jibda l-Form III.

www.gozocathedral.org.mt

1 ta' Awissu 1987

Kronaka tal-

BIDU TAL-ĦAJJA NISRANIJA

Nru.	Data tal-Magħmudija	Isem it-Tarbija	Isem u Kunjom il-Ġenituri
1.	5.8.1987	Carmen Mifsud	Tarcisju u Filomena Gauci
2.	7.9.1987	Marija Zammit	Benny u Elizabeth Axiaq
3.	27.9.1987	Steve Scicluna	Paul u Jackeulina Grech
4.	27.9.1987	Steve Scicluna	Paul u Lina Saliba
5.	20.10.1987	Miranda Cauchi	Joseph u M'Assunta Mizzi
6.	1.11.1987	Norbert Fenech	Domnic u M'Louise Vella
7.	1.11.1987	Graziella Vella	Grazio u Carmela Pace.
8.	8.11.1987	Lianne Chairmaine Agius	John u M'Dolores Vella
9.	21.11.1987	Vivianne Mizzi	Anton u M'Carmen Zammit
10.	6.12.1987	Gilbert Cini	Joseph u Helena Theuma
11.	13.12.1987	Emmanuel Farrugia	Anton u M'Rose Apap
12.	20.12.1987	Samara Meylak	Joseph u Carmen Vella
13.	26.12.1987	Paul Rosthowski	Irineus u M'Rose Tabone
14.	4.1.1988	Troay Piscopo	Alan u Maria Debattista
15.	13.2.1988	Mikela Mizzi	Joseph u Carmen Tabone
16.	5.3.1988	Mark Agius	Adrijanu u Benna Mejlaq
17.	12.3.1988	Christine Zammit	Paul u Rita Mifsud
18.	12.3.1988	Damon Grech	Anthony u Victoria Buttigieg
19.	20.3.1988	Vanessa Camilleri	Alfred u Georga Vella
20.	10.4.1988	Paul Sultana	Piju u Gracie Micallef
21.	3.4.1988	Laura Caruana	Anton u Anna Abela
22.	17.4.1988	Maria Caruana	Joe u Ġiġa Vella
23	1.5.1988	Massimo Buttigieg	Pierre u Tarcisja Portelli
24.	7.5.1988	Stephanie Farrugia	Ronnie u Giorgia Sammut
25.	8.5.1988	Doreen Vella	Anton u Saveria Pace
26.	21.5.1988	Ġorġ Scicluna	Joe u Marija Mizzi
27.	19.6.88	Deborah Grech	Michael u Maria Grech
28.	14.6.1988	Johnatan Mizzi	Alessio u Josephine Mercieca
29.	20.6.1988	Mariella Vella	Anthony u Alice Dimech
30.	25.6.1988	Daniel Grech	Eucharist u Jane Spiteri
31.	26.6.1988	Marlon Grech	Louis u Sylvia Theuma
32.	3.7.1988	Christian Axiaq	M'Angelo u Rita Borg
33.	8.7.1988	Lilian Bugeja	Joseph u Miriam Formosa
34.	23.7.1988	Marija Tabone	Gorg u Eugenia Grima

www.gozocathedral.org.mt

LISTA TA' TFAL TA' L-EWWEL TQARBINA
1987 - 1988

SUBIEN

1.	Azzopardi Kevin	Carmel - Susan	37, Matia Preti Str., Victoria
2.	Camilleri Paul	Michael - Rose	43, Forman Str., Victoria
3.	Camilleri Pierre Paul	Paul - Carmen	N.B. Karlu Galea Str., Victoria
4.	Caruana Alex	Anthony - Anna	'Emerald' Capuchins Str., Victoria
5.	Cassar Mario G.	Carmel - Grace	25, Assumption Str., Victoria
6.	Cutajar Kenneth	Emanuel - Lucia	33, Matia Preti Str., Victoria
7.	Farrugia Frank	Ronnie - Georgia	132, St. Ursula Str., Victoria
8.	Farrugia Manwel A.	Joseph - Vitorina	39, Carmel Str., Victoria
9.	Grech Jean Paul	Nicholas - Diana	'Maria' Republic Str., Victoria
10.	Grech Joseph	Manwel - Margaret	'My Pearl' Archbishop Pace Str., Victoria
11.	Grech Reuben	Saviour - Mary Rose	18, Providence Str., Voctoria
12.	Grech Warren	Frank - Sandra	'Alessandra' n.s. off by The Bastion Rd Vict
13.	Magrin Franco	Harry - Maria	33 Mattia Preti Str., Victoria
14.	Mercieca Matthew	George - Carmen	43, Kercem Road, Victoria
15.	Mizzi Kevin	Eucharist - Doris	45, Sannat Road Victoria
16.	Muscat Philip	Saviour - Jane	N.B. Ġuże Ellul Mercer Str., Victoria
17.	Portelli Ferdinand	Anton - Maria	11, St. Ursula Str., Victoria
18.	Said George	Michael - Frances	139, Sannat Road Victoria
19.	Spiteri Victor	John - Adriana	Block F'A' Flat 6 Sannat Rd, Victoria.
20.	Vella Larry	Frank - Rose	'Maple Leaf' Patri Magri Str., Victoria
21.	Zahra George Jos	George - Doris	'Il-Madonna Ta' Pinu' St. Domenica Str.,

BNIET

1.	Abela Tanya	Joe - Viviene	89, Palm Street Victoria
2.	Buttigieg Maureen	Victor - Cettina	4, Govt. Hse Sannat Road Victoria
3.	Camilleri Eileen	Joseph - Grace	Plot 13, Republic Str., Victoria
4.	Cini Marilyn	Joseph - Rose	43, Forman Str., Victoria
5.	Farrugia Isabella	Paul - Maria	5 'Marralomedo' Sir Paul Boffa Str, Vict
6.	Farrugia Louise Ann	George - Antonia	15, Wied Sara Str., Victoria
7.	Farrugia Sabina	Anthony - Mary Rose	12, Archpriest Cassar Str., Victoria
8.	Galea Angele	Raymond - Lora	'Papillon' Fomm il-Ġir Str., Victoria
9.	Gatt Maureen	George - Jane	'Holy Mary' Ghedrin Str., Victoria
10.	Sacco Marthese	George - Jane	'Il-Bejta' Għar Qawqla Str., M'Forn
11.	Sacco N. Georgette	Sam - Cettina	24, Mons. Pietru Pace Str., Victoria
12.	Sillato Rose Ann	Carmel - Josephine	Sir Pawl Boffa Str., Victoria
13.	Vella Carla Pia	Carmel - Antonia	69, St. Augustine's Str., Victoria
14.	Vella Muscat Keith	George - Yvonne	'Groyv' St. George's Fief Str., Victoria
15.	Zammit Maria Sabina	Tony - Mary	15, Assumption Str., Victoria

www.gozocathedral.org.mt

SQUARE CELLAR

(Wine & Spirit)

Prop. ***JOE GRECH***

24, St. George's Square, Victoria, Gozo

Tel. 551845, 556141.

DESTINATION ...GOZO

The Ideal gift to tourists and friends abroad!

DESTINATION...GOZO is a 30 minute video documentary on the island of Gozo. It looks at Gozo through the eyes of a tourist, recording the places and events a typical visitor might see or visit. The commentary is in English and the video is available through many outlets in Gozo or direct from the producer

ALVIN SCICLUNA

Tel: 551936

Video Pr oductions - the specialists in video filming on the island, whether party, engagement, weddings or any type of coverage.

Facilities for multi-camera filming also available.

www.gozocathedral.org.mt

LISTA TA' TFAL LI RĊIVEW IL-GRIŻMA TA' L-ISQOF
1987 - 1988

SUBIEN

1. Attard Noel	John - Beninja	Council Hse No 9 Sannat Rd
2. Bajada Anthony M.	Frankie - Josephine	'Notre Dame' Sacred Heart St Fontana
3. Borg James	Ronald - Tessi	'Jessica' St. Ursula St. Victoria
4. Camilleri Mark Anth.	Joe - Frances	38, Formen Str. Victoria
5. Cordina Joseph	George - M'Antonia	'Kedron' St. George's Fief Str. Victoria
6. Cutajar D. Savio	Francis - M'Dolores	'Le Petit Fleur' 31 st March Str., Victoria
7. Debrincat Joseph	Joseph - Natalina	'Is-Sinjorina' Forman Str., Victoria
8. Farrugia Reuben	Paul - Maria	'Merralomede' Sir Paul Boffa Str., Victoria
9. Grech Godwin	George - Maria	'Baci' Republic Str., Victoria
10. Grech Robert	Carmel - Carmen	'Mirage' Ġilju Str., Victoria
11. Grech Simon	Frankie - Sandra	'Alessandra' n.s. off by the Bastion Rd Vict
12. Mizzi Joseph	Alex - Guża	Flat 2 BL A Sannat Road Victoria
13. Muscat Jeffrey	Peter Paul - Georgia	'Maison' Mary Meilaq Str., Victoria
14. Saliba Anthony Mario	Emanuel - Rose	'Kristu Re' Sacred Heart Str., Fontana
15. Saliba Anthony Paul	John - Sylvia	14, Windmill Str., Victoria
16. Sciberras Brian	Paul - Maria	Żamka Str., Victoria
17. Theuma Xerri David	Vincent - Mary	36, Mattia Preti Str., Victoria
18. Xerri Jason	Leone - Pauline	19, 7th June 1919 Str., Victoria.
19. Zammit Nicholas	Benny - Elizabeth	'Ta' Pinu Hse' Gedrin Str., Victoria

BNIET

1. Attard Adelaide	Joseph - Doris	N.B. Cetta Mintoff Str., Victoria
2. Azzopardi Miriam	Joseph - Giorgina	N.B. Wied Sara Str., Victoria
3. Bezzina Anna Maria	John - Mary	198, St Ursula Str., Victoria
4. Cardona Orietta	Joe - M'Dolores	189 Merħba Hse Għ'Qatet Str., Victoria
5. Cauchi Dorren	George - Mary	31 Xagħra Road Victoria
6. Debono Francelle	Francis - Pauline	Flat 1 Mary Meylaq Str., Victoria
7. Debono Josephine	Emanwel - Josephine	17, 7th June 1919 Str., Victoria
8. Farrugia Andreina	Frank - Doris	'Frankdor Hse' Antonio Mallia Str., Victoria.
9. Farrugia Jacqueline	Coronato - Maria	11, Sannat Rd. Terr., Hse Tyoe 2 Victoria
10. Farrugia Miriam	George - Ginis	'Red Rose' Capuchins Str., Victoria
11. Grech Leontine	Joe - Mary Anne	40, Formen Str., Victoria
12. Grech Romina	George - Carmen	Block B Flat 6 Sannat Rd. Victoria
13. Lanzon Daniela	Paul - Sylvia	'Paul Syl' Republic Str., Victoria
14. Micallef Jacquiline	Nicholas	115, St. Ursula Str., Victoria
15. Manpalao Doreyen	Joseph - Helen	Flat 10 G.C. Sannat Str., Victoria
16. Portelli Julie Anne	Micheal - Mary	Green Acres Trieq il-Ġilju Victoria
17. Portelli Marthese	Anton - Maria	111 St. Ursula Street Victoria

www.gozocathedral.org.mt

18.	Psaila Anna Maria	Joseph - Jane	'Ansiva' Sannat Str., Victoria
19.	Saliba Romina	Louis - Rita	'RitLouis' Hse Sump Str., Victoria
20.	Veranemann Sophie	Amand - Marie	"Cactus'Grove' Birbuba Str., Għarb
21.	Xuereb Mariella	Frankie - Maria	'Maria' St. Ursula Str. Victoria
22.	Xerri Sarha	Mickie - Mary	3 Carmel Str., Victoria Gozo
23.	Zammit Lorinda	Julian - Margaret	'Julmar', Kercem Road, Victoria

Ismijiet ta' dawk li daħlu għall-Prokreazzjoni u t-Trobbija tal-Ulied bis-Sagrament taż-Żwieġ

Ismijiet ta' dawk li daħlu għall-Prokreazzjoni u t-Trobbija ta' l-Ulied bis-Sagrament taż-Żwieġ

1.	1-8-87	Raymond Muscat	u M'Rita Bugeja
2.	6-9-87	John Louis De Giorgio	u Josephine Spiteri
3.	6-9-87	Charles Grima	u M'Grace Mercieca
4.	12-10-87	Michael Xiberras	u M'Doris Xuereb
5.	17-10-87	Anthony Cassar	u Giovanna Zammit
6.	24-10-87	Joseph Grech	u Evangelista Mercieca
7.	24-10-87	Julian Robert	u Veronica Camilleri
8.	13-12-87	Peter Paul Debono	u Bernarda Saliba
9.	9-4-87	Frank Caruana	u Pauline Aquilina
11.	5-6-88	Charles Mizzi	u M'Rose Azzopardi
12.	30.7.88	Carmelo Attard	u Violet Gauci
13.	31.7.88	Mario Vassallo	u Carol Borg

Dawk li daħlu jissaffew fil-Purgatorju

"Agħtihom O Mulej il-mistrieħ ta'dejjem"

11/8/87	Joseph Muscat	15/1/88	Anthony Cassar
13/8/87	Giovanna Tabone	18/1/88	Nazzarena Grima
22/8/87	Salvu Zammit	23/1/88	Ġużeppa Micallef
5/9/87	M'Antonia Gatt	4/3/88	Carmela Grech
26/9/87	Pietru Attard	12/3/88	Dola Galea
5/9/87	M'Antonia Gatt	8/4/88	Emanuel Gatt
26/9/87	Pietru Attard	10/15/88	Salvu Grech
8/10/87	Mons. Giorgio Mercieca	19/5/88	Ġużepp Muscat
1/11/87	Dijonisja Cassar	26/7/88	Anton Saliba
6/11/87	Anton Gatt		
15/11/87	Rita Attard		
3/12/87	Nichola Vella		
13/12/87	Dolora Debrincat		

www.gozocathedral.org.mt



www.gozocathedral.org.mt

Il-Librerija Parrokkjali tal-Katidral

Fil-bidu ta' dan ix-xahar ta' Awissu, il-librar u l-istaff tal-Librerija lestew l-'istocktaking' annwali tal-kotba li hemm fil-Librerija Parrokkjali tal-Katidral. In-numru issa tela' għaċ-ċifra ta' 17,113. Meta wieħed jikkonsidra li s-sena l-oħra bħal daż-żmien (Awissu 1987), din il-Librerija kellha 13,490 ktieb, dan ifisser li f'din l-aħħar sena l-akkwist tal-kotba kien ta' 3623, akkwist ta' medja ta' għaxar kotba kuljum tas-sena.

Il-Librerija Parrokkjali tal-Katidral iżżid il-kotba permezz ta' donazzjonijiet BISS. Il-fatt fondi li tiġbor imorru għax-xiri ta' xkaffi u bżonnijiet oħra konnessi mas-servizz bibljotekarju Hawnhekk nixtiequ nsemmu xi donaturi li matul is-sena li għaddiet (minn Awissu sa Awissu) għamlu xi għotja konsiderevoli ta' kotba:

- Mr Sam Portelli, Fiżjoterapista mill-Mosta, ta 300 ktieb;
- Mrs Maria Mercieca u bintha Alana offriet 200 ktieb;
- Miss Rita Caruana offriet 115 -il ktieb;
- Miss Tessie Scicluna offriet 211 -il ktieb;
- Mr. Brendan Coz, mill-Awstralja offra 403 kotba (Juvenile)
- Il-W.Rev. Arċidjaknu Giov. B. Gauci rregala għoxrin volum ta' Leħen is-Sewwa illegati. Din il-kollezzjoni tiġbor fiha l-ħarġiet kollha mill-ewwel ħarġa fis-sena 1928 sa l-aħħar ħarġa tas-sena 1949. Dan hu akkwist verament sabiħ! Barra dan offra ukoll 71 ktieb ieħor, ħafna minnhom Melitensia ta' natura rari.
- L-uffiċċju Informazzjoni tal-Partit Nazzjonalista rregala lil Librerija 34 ktieb ta' natura Politika - Soċjali (Melitensia)
- Mr Joe Bugeja, sagristan tal-Katidral, irregala ukoll sett kompliet ta' kotba Politiċi -

www.gozocathedral.org.mt

Soċjali. (16 -il Ktieb)

- Mr Toni Spiteri reġa għamel għotja oħra ta' xi 200 ktieb, kollha ta' natura spiritwali u axxetika;
- Il-W.Rev. Mons. Carmelo Scicluna, Arċipriet tal-Katidral t'Għawdex, għal darb' oħra reġa' offra lill-Bibjoteka numru sabiħ ta' kotba ta' pregju kbir. Insemmu biss il-'highlights' ta' din id-donazzjoni:
  a) Storja Sagra f'4 volumi (3636 pp) editata minn Emilio Lombardi;
  b) Marta, Rakkont Storiku, 3 volumi (total ta' 2724 pp)
  c) L-Istorja ta' Malta u Għawdex f'7 volumi, l-ewwel sitta miktubin minn Giovanni Sekond (total ta' 5728 pp) u l-aħħar volum ta' Guże Belli (2681 pp).
  d) Numru ta' rumanzi oħra bil-Malti li kienu joħorġu faxxiklu faxxiklu qabel l-aħħar gwerra.
- Ma għandniex xi ngħidu, l-akbar benefattur kien, bħas-snin ta' qabel, Fr. Tony Mercieca ta' Florida, USA, li kull xahar jibgħat numru ta' kotba bil-posta. Din is-sena bagħtilna mal 2000 volum. Dawn, barra numru kbir ta' diski, cassetted u anke 'visual aid material' li spiss jibgħatilna.
- La semmejt id-diski u l-cassettes ma rridx ninsa nsemmi żewġ persuni oħra li offrew cassettes ta' mużika rrekordjata:
- Mr. John Farrugia li offra 105 cassette
- Mr. George Xerri li offra 41 cassette

SMS S·MIFSUD & SONS LTD

TRAVEL - INSURANCE - SHIPPING

TOUR ORGANIZERS & OPERATORS

311, Republic street,

Valletta, Malta.

Tel: 232211

www.gozocathedral.org.mt

IL-ĦIDMA TAL-PARROĊĊA GĦALL-IŻVILUPP SĦIĦ TAL-BNIEDEM
Bir-Ritratti

Il-Parroċċa illum ma jistax ikolla 'active clergry' u 'passive laity', imma possibilment il-membri kollha tal-parroċċa għandhom joffru l-kontribut tagħhom għall-iżvilupp sħiħ tal-bniedem. Kif igħid wisq tajjeb il-Kardinal Suenens: "Il-Knisja tieħu interess mhux biss fis-salvazzjoni ta' l-erwieħ, imma wkoll tinteressa ruħha mill-bniedem sħiħ: ruħ u ġisem." Evidenti din il-Knisja, imbagħad, kif igħid il-Papa attwali Ġwanni Pawlu II, aktar ma taħdem biex il-bniedem igħix ħajja umanament deċenti, aktar trid turi ruħha li hija ta' istituzzjoni divina.

Il-parroċċa tal-Katidral, bħal parroċċi l-oħra tad-djoċesi, ma tonqosx li taħdem għall-iżvilupp sħiħ tal-bniedem billi matul is-sena twettaq attivitajiet pastorali, kulturali, filantropiċi u wkoll rikreattivi kif jixhdu dawn ir-ritratti.

ĦAJJA SPIRITWALI

It-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina tas-sena 1988 li għalihom u għall-ġenituri tagħhom tkun saret tħejjija intensiva.

www.gozocathedral.org.mt

It-tfal li din is-sena 1988 rċivew is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof. Dawn it-tfal u l-ġenituri tagħhom jiġu mġejjija sewwa għal din l-okkażżjoni speċjali biex ikunu jafu għal-liema respon. sabilitajiet dehlin.

It-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina jiġu wkoll imħejjija b'servizz penitenzjali għall-Ewwel Qrara.

www.gozocathedral.org.mt

Fir-Randan u eżattament fis-16 ta' Marzu nżamm pellegrinaġġ penitenzjali marjan bl-istatwa tal-Madonna tad-Duluri f'waħda mill-periferiji tal-parroċċa.

F'waħda mill-Erbgħat, fl-1 ta' Ġunju, sar pellegrinaġġ marjan miċ-Ċentru Parrokkjali għall-Katidral fl-okkażjoni tas-Sena Marjana u għar-rebħ ta' l-Indulġenza Plenarja.

Iż-żgħażagħ, fl-4 ta' Marzu, f'egħluq l-eżerċizzi tagħhom għamlu pellegrinaġġ marjan miċ-Ċentru Parrokkjali għall-Katidral fl-okkażżjoni tas-Sena Marjana. Fr. Tonio Mifsud kien il-predikatur.

www.gozocathedral.org.mt

John Portelli Enterprises Ltd.

TRAVEL AGENTS - TOUR PLANNERS
7 MAIN SQUARE, VICTORIA, GOZO, MALTA. TEL: 556236
108 ST. JOHN STREET, VALLETTA, MALTA. TEL: 627016

FOR ALL YOUR TRAVEL REQUIREMENTS



PARDI MOTORS LTD.

N.B. Republic Street, Victoria, Gozo.

Tel. 556678 – 553744

AUTO DEALERS
AUTO SERVICE & SPARES
PANEL BEATING
SPRAY PAINTING
TYRE & RADIATOR REPAIRS

www.gozocathedral.org.mt

Fl-4 ta' Jannar inżamm quiz bibliku. Din is-sena kellu tema Marjana. Bħas-soltu s-Sur Anton Farrugia ħejja lil dawn it-tfal.

Mons. Arċipriet C. Scicluna joffri premju lill-parteċipanti kollha tal-quiz bibliku-marjan.

Fil-Ġimgħa tal-Parroċċa nżammet wirja ta' Kotba Marjani fiċ-Ċentru Parrokkjali.

www.gozocathedral.org.mt

Mons. Isqof bierek u fetaħ din il-wirja ta' Kotba u letteratura marjana.

Mons. Arċipriet, fid-9 ta' Mejju, fetaħ u bierek wirja ta' proġetti marjani li saru mit-tfal li din is-sena rċivew is-Sagrament tal-Konfermazzjoni.

www.gozocathedral.org.mt

Il-Kor Maria Assunta ħa sehem fil-Festival tal-Korijiet li sar fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb fil-ġranet tal-Milied.

'Il-Proċess ta' Kristu', feature tal-Passjoni ta' Kristu. Kitba u produzzjoni ta' John Cremona. Sar fil-ġranet tar-Randan.

TEXOL

TEXOL hu magħruf għall-qawwa tiegħu, kwalità u tenerezza fuq il-ġilda, li jintuża wkoll għan-nappies tat-trabi u jibżagħlek għal idek. Jibżagħlek ukoll għal flusek għax tuża ftit b'effett kbir!

TEXOL jaħsel platti, dixxijiet u borom li jkunu mċappsin bi żjut u xahmijiet. Jintuża wkoll mill-'Confectioneries' u l-'Mechanics'!

TEXOL jaħsel ukoll ħwejjeġ ta' kull materjal inklużi tas-suf!

UŻA L-ILMA BAĦAR

TEXOL jintuża xorta waħda jekk int qiegħed f'xatt il-baħar, fuq yacht, dgħajsa jew xi ħaġ'oħra tal-baħar! Ir-riżultat ikun daqs dak ta' l-ilma ħelu! Inaddaf ukoll in-nafta li taqbad mal-ġisem fi xtut il-baħar.

F'Malta ċempel 825933
F'Għawdex, ċempel 553447 (A & J Hili Ta' Miema Ltd. - Mgarr)
556098 (Victor Hili & Sons - Mgarr)
551555 (Gelluxa Ltd. - Mgarr)

Banda Ingliża tat kunċert ta' mużika sagra fil-Katidral fl-14 t'April.

Mons. Arċipriet C.Scicluna joffri rigal lis-surmast ta' din il-Banda Ingliża.

Saru bosta 'rehearsals' għall-oratorio Marjan 'L-Apoteosi ta' l-Assunta' kitba ta' Mons. Isqof N. Cauchi u mużika tal-Mro Jos. Sammut.

www.gozocathedral.org.mt

ATTIVITAJIET FILANTROPIĊI U RIKREATTIVI

Il-Kaptan J. Agius joffri enċiklopedija moderna ta' Macmillan lill-Bibljoteka Parrokkjali tal-Katidral. Dan kien fit-2 t'April.

Il-ġenerożita tal-parruċċan qatt ma tonqos favur it-tfal ta' l-Istituti.

Ta' kull sena t-tfal li jattendu għan-Novena tal-Milied jieħdu premju.

www.stcathedral.org.uk

Fid-9 t'April, f'egħluq il-21 sena mill-ordinazzjoni Episkopali ta' Mons. Isqof, inżammet ikla speċjali fiċ-Ċentru Parrokkjali. Mons. Isqof jaqsam il-kejk ta' l-okkażżjoni.

X'uħud mill-parruċċani li attendew għall-ikla msemmija.

www.gozocathedral.org.mt

Exclusive representatives **WANDS** Limited — A **FARSONS** Subsidiary. Tel: 232121



Ta' kull sena tinżamm serata tal-Milied fuq il-palk taċ-Ċentru. Dawn ir-ritratti juru xeni waqt din is-serata.

www.gozocathedral.org.mt

TRID MOĦĦ MISTRIEĦ?

Jekk trid ikollok moħħ mistrieħ fuq kull ma għandek fil-ħajja, ħu l-aħjar servizz ta' insurance minn Laferla Insurance Services Ltd. Laferla joffru servizz mill-aqwa b'ufficju f'Għawdex biex tkun moqdi aħjar. Għal kwalunkue polza li għandek bzonn għall- karrozza, għal ħajtek, għax-xogħol, u għal sigurtà medika irrikorru għand :

LAFERLA
Insurance Services Limited
Branch Office: Villa Scicluna, Capuchin Street, Victoria, Gozo.Tel: 556923
Head Office:
15, Flat 14, Vincenti Buildings, Strait Street, Valletta, Malta. Tel: 224405, 622750

Agenti wkoll ta' Private Patients Plan

Carmelo Gauci Ltd.

Importers of all kinds of timber, plywood, blockboard, hardboard, laminated plastics, hardware, woodworking & aluminium machines.

'Carga' New Street off Qormi Road, St. Venera, Malta
Bankers: Bank of Valletta Ltd., Mid-Med Bank Ltd.
Telephone: 445717/443861
Cables: ICUAG - MALTA
Telex: 712 ICUAG MW

www.gozocathedral.org.mt

ID-DITTA

JOSEPH CARUANA CO. LTD.

59, Republic Street, Victoria, Gozo,
Telephone 556464 **Telex 1470 Filcar**

THABBAR IL-FTUH TA' STABILIMENT ĠDID
F'N.B., OLD MILL STREET, QORMI, MALTA.

**ID-DITTA TISSUPPLIXXI KULL KWALITÀ TA'
MATERJAL GHALL-BINI BHAL
VIREG U FOLJI TAL-HADID, KULL KWALITÀ TA'
INJAM, CHIPBOARD U PLYWOOD**

**KIF UKOLL ASSORTIMENT KBIR TA'
SUF GHAN-KNITTING.**

TONY'S STORE

JEW AHJAR

**IL-MEKKA TA' L-GHAWDXIN
JOFFRI L-ORHOS PREZZIJIET FUQ
KULL MA GHANDEK BŻONN FID-DAR**

Tixtrix qabel tara l-assortiment taghna ta'

**FRIDGES — COOKERS
WASHINNG MACHINES — LINEF
U MITT ELF HAĠA OHRO TA'
HTIEĠA JEW LUSSU GHAD-DAR
ISSIBNA MALAJR GHAX FIS-SAQAJN**

25, IT-TOKK, RABAT — GHAWDEX.

Ċempel: 556629.

www.gozocathedral.org.mt

Ikkontribwew għal din ir-Rivista

1. **Electra Hotel**
Marsalforn, Gozo.
2. **John Calleja**
Republic Street, Victoria.
3. **Frances Hairdresser**
Palm Street, Victoria.
4. **Meylak Jewellery**
Republic Street, Victoria.
5. **Gozo United Rent-A-Car**
Republic Street, Victoria.
6. **Home Mart**
Republic Street, Victoria.
7. **C. & S Supermarket**
Main Gate Street, Victoria.
8. **Kelina's Jewellery**
Karl Bondi Street, Victoria.
9. **Abela Pharmacy**
De Soldanis Street, Victoria.
10. **Palm Pharmacy**
Palm Street, Victoria.
11. **Lantern Hotel**
Marsalforn, Gozo
12. **The Mermaid Bar & Restaurant**
Marsalforn, Gozo.
13. **Marsalforn Hotel**
Marsalforn, Gozo.
14. **Odyssey Bar & Restaurant**
Marsalforn, Gozo.
15. **The Smugglers Cave**
Marsalforn, Gozo.
16. **Arzella Bar**
Menqa, Marsalforn.
17. **May's Boutique**
Republic, Street, Victoria.
18. **V. Sultana Vulcanizer**
Republic Street, Victoria.
19. **Castle Pharmacy**
Main Square, Victoria.
20. **Kenur Bar & Restaurant**
Xlendi Street, Xlendi.
21. **Tritons Bar & Restaurant**
Marsalforn, Gozo.
22. **Cefai Jewellwry**
St. Domenic Street, Victoria.
23. **Lorry Fenech**
Sannar Road, Victoria.
24. **Duke of Edinburgh Hotel**
Republic Street, Victoria.
25. **Doris Jewellery**
St. Andrew Street, Victoria.
26. **Ġorġ Farrugia, Carpenter**
Capuchin's Street, Victoria.
27. **Gozo Garage**
Xagħra Road, Victoria.

WERREJ

Messaġġ għall-Jum tal-Festa 1
Status Animarum bejn 1678 u 1784 2
Il-Matriċi Kolleġġjata 300 sena ilu 6
Il-Verġni Marija fl-Arti Audio-Viżiva 10
Ġrajjiet Importanti matul is-Sena 18
Nifirħu 23
Kronaka tal-Parroċċa 24
Il-Librerija Parrokkjali tal-Katidral 31
Il-Ħidma tal-Parroċċa għall-Iżvilupp sħiħ tal-Bniedem 33

www.gozocathedral.org.mt



Kont taf li tista' tpoġġi flus il-bank ġo kont magħruf bħala "Bearer Account" bin-numru? Jiġifieri m'hemmx bżonn la tal-Karta ta'

l-Identità u lanqas ta' isem jew firem. Irrikorri għal aktar dettalji għand l-eqreb fergħa tal-Bank of Valletta f'Malta jew f'Għawdex.

Bank of Valletta

KUMDITÀ, EFFIĊJENZA U SIGURTÀ

www.gozocathedral.org.mt


BREWED & BOTTLED BY
SIMONDS FARSONS CISK LTD
MRIEHEL MALTA
HOPLEAF
1956
1960 1964
CONTENTS
28.5cl
O.G.
1038-42°
PALE ALE
You deserve no less!
A quality beer from FARSONS